MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2025

Rikors Numru 428/2022 LM

**Arthur Ciantar (K.I. nru. 702162M) fil-kapaċità tiegħu ta' President tal-Malta Association for Professional Engineers (RTU No. 311)**

***vs.***

1. **L-Avukat tal-Istat**
2. **l-Onor. Prim Ministru**
3. **Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru**
4. **Il-Ministru Ian Borg**
5. **Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali**
6. **Speaker tal-Kamra tad-Deputati**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fis-17 t'Awwissu, 2022 mir-rikorrent **Arthur Ciantar (K.I. nru. 702162M) fil-kapaċità tiegħu ta' President tal-Malta Association for Professional Engineers (RTU No. 311)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent *nomine*'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta jobbligaw il-Parlament ta' Malta sabiex jeżerċita l-poter leġislattiv mogħti lilu mill-istess Kostituzzjoni strettament fl-ambitu ta' dawk il-proċeduri u provvedimenti statutorji li fin-nuqqas tal-osservanza tagħhom iwasslu għan-nullità tal-istess Att leġislattiv stante li huma konsiderati bħala proċeduri leġislattivi ta' natura mandatorja.*

2. *Dan il-prinċipju tant fondamentali biex isseħħ is-supremazija tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġie kkonfermat bl-iżjed mod awtorevoli fis-sentenza kostituzzjonali fl-ismijiet Onorevoli Dom Mintoff vs Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier et noe, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-22 ta' Jannar, 1971.*

3. *Illi fl-imsemmija sentenza l-Qorti adottat id-dictum tal-Imħallef Dixon CJ "*Lawyers speak of statutory provisions as imperative when any want of strict compliance with them means that the resulting act, be it a statute, a contract or what you will, is null and void". *Jew fil-kliem tal-Qorti Kostituzzjonali stess meta l-proċeduri mandatorji "jolqtu s-sostanza".*

4. *Illi fit-23 ta' Lulju, 2021 ġie* in vigore *l-Att XLVIII tal-2021 liema Att emenda Kapitolu 321 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Inġiniera) mingħajr ma l-Parlament segwa l-proċeduri u provvedimenti statutorji kollha mandatorji rikjesti għall-validità tal-istess Att, fosthom li jiġu espletati l-konsultazzjonijiet imposti kemm mil-liġi ta' Malta kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kemm mil-liġi tal-Unjoni Ewropea liema nuqqas manifestement iwassal għan-nullità tal-istess Att XLVIII tal-2021.*

5. *Illi l-emendi kontemplati fl-Att XLVIII tal-2021 jikkonċernaw ir-regolamenti tal-professjoni tal-inġiniera u jaqgħu taħt il-kategorija ta' provvedimenti regolati minn* Service Directives *skont il-Liġi tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Direttiva 2006/123/EC liema direttiva ġiet* transposed *għal ġol-liġi Maltija permezz tal-Att XXIII tal-2020 kif ukoll huma soġġetti għall-*Proportionality Test Directive*, liema direttiva ġiet* transposed *għal ġol-liġi Maltiija permezz tal-Att XXV tal-2020.*

6. *Illi kemm id-Direttiva 2006/123/EC u kemm l-Att XXV tal-2020 (speċifikament Art. 7) jimponu l-obbligu fuq il-Parlament ta' Malta li kwalunkwe provvediment leġislattiv biex ikun validu għandu jiġi sottopost* ad validitatem *għall-proċess rigoruż ta' konsultazzjoni mal-pubbliku in ġenerali sabiex ikun spjegat lilu fid-dettall kollu neċessarju kif il-miżuri proposti jgħaddu t-test fondamentali tal-*"Proporzjonalità" *u dan meta l-proposti jolqtu* "the provision of a service*" fil-kamp ta' xi professjoni bħal dik tal-inġinerija.*

7. *Illi l-konsegwenza Kostituzzjonali fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza minn Att leġislattiv tal-proċedura mandatorja ta' konsultazzjoni dwar il-kriterju tal-*

*Proporzjonalità hija ċara u manifesta u ċioe n-nullità tal-istess provvediment leġislattiv kemm b'effett tal-Artikolu 6 tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta) u kemm skont l-art. 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta magħdud mal-artikoli 65, 72 u 95 tal-istess Kostituzzjoni.*

8. *Illi l-provvedimenti kontenuti fl-Att XLVIII mhux biss ma kinux suġġetti għall-proċess mandatorju validu ta' konsultazzjoni kif prevvist kemm mill-Kostituzzjoni, mil-Liġi ta' Malta u kemm mil-liġi tal-Unjoni Ewropea, iżda lanqas biss setgħu jkunu kostituzzjonalment hekk soġġetti għax il-Parlament kellu ostakolu leġittimu li kostituzzjonalment impedixxa l-istess Parlament milli jkompli l-iter leġislattiv. L-ostakolu kien jikkonsisti minn ordni ċioe Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ mill-Qrati ta' Malta li fis-sistema ta' separazzjoni tal-Poteri ta' Malta jgawdu minn awtorità daqs dik tal-Parlament.*

9. *Illi b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qrati ta' Malta ħarġet mandat ta' inibizzjoni kontra, u kategorikament ordnat, lill-Bord tal-Inġiniera, l-organu tal-Istat li waħdu kellu l-kompetenza li jikkonduċi l-konsultazzjonijiet pubbliċi biex ikun spjegat lil kull min ikun interessat u lil kull min juri interess biex jifhem kif l-emendi proposti huma a. Neċessarji; b. Mhux diskriminatorji; u ċ. Proporzjonali, liema Bord kien ordnat milli jieqaf b'xi mod "jippromwovi* "jirrilaxxa/w u/jew jippreżenta/w u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovu/i" *l-emendi de quo u milli jgħaddi kwalunkwe eżitu lill-Parlament ta' Malta, qabel ma jkun stabbilit mill-Qorti jekk il-proċess konsultattiv magħmul minnu kienx illegali stante li naqas milli jinvolvi kull min mill-pubbliku kien wera interess biex jipparteċipa fil-proċess ta' konsultazzjoni.*

10. *Illi minkejja li stadju mandatorju tal-proċedura leġislattiva kien b'ordni tal-Qorti mwaqqaf milli jkompli, il-Parlament b'mod għal kollox anti-kostituzzjonali, fit-13 ta' Marzu, 2021 beda l-ewwel qari tal-abbozz ta' liġi (Mozzjoni 501) u b'hekk għadda għal stadju suċċessiv tal-iter leġislattiv billi fetaħ id-dibattitu Parlamentari dwar emendi fil-kamp tas-settur tas-servizzi professjonali mingħajr ma dawn kienu sottoposti għal konsultazzjoni pubblika dwar il-proporzjonalità u dan għax kien hemm* in vigore *projbizzjoni mill-Qorti milli dan seta' jsir.*

11. *Illi kemm il-mandat ta' inibizzjoni u kemm il-kawża relattiva quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti għadhom għaddejjin u dan xhur wara li l-Parlament għadda b'mod mhux kostituzzjonali l-Att XLVIII tal-2021.*

12. *Illi dan l-aġir illegali u manifestement anti-kostituzzjonali da parti tal-Parlament ta' Malta jagħti lok għall-*actio popolaris *għan-nullità tal-Att de quo, taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta li bis-saħħa tal-provvedimenti tal-Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni tagħti l-interess ġuridiku lil kwalunkwe persuna anke jekk mhux personalment milqut li jiftaħ azzjoni quddiem il-Qrati Kostituzzjonali ta' Malta għan-nullità tal-istess liġi.*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti nomine qiegħed jitlob bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna jogħġobha tordna:*

1 *Illi l-Att XLVII tal-2021 hu null u bla effett stante li l-imsemmi Att ġie mgħoddi mill-Parlament ta' Malta b'nuqqas tal-osservanza tal-proċeduri u obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv kollu tiegħu u allura mingħajr ma seħħ fl-interezza tiegħu proċess konsultattiv validu, non-diskriminatorju, neċessarju u proporzjonali hekk kif imposti mill-Kostituzzjoni ta' Malta, mil-Liġi ta' Malta u mil-liġi tal-Unjoni Ewropea;*

2 *Illi tistabbilixxi proċess perentorju li fih il-Parlament ta' Malta jgħaddi u jieħu dawk il-miżuri leġislattivi kollha neċessarji sabiex jottempera ruħhu mad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrendi l-provvedimenti tal-Att XLVIII nulli u bla effett;*

3 *Tagħti kull rimedju xieraq ieħor illi din l-Onorabbli Qoti tara xieraq fiċ-ċirkustanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati minn issa inġunti għas-subizzjoni."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Speaker tal-Kamra tad-Deputati** [minn issa 'l quddiem 'l-Ispeaker intimat'], li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Settembru, 2022, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament l-iSpeaker qua Speaker ma għandux la r-rappreżentanza tal-Gvern lanqas tal-Kamra tad-Deputati u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*
2. *Illi in kwantu l-kawża hija pretiża biex tindaħal kif jiġi kondott l-iter leġislattiv fil-parlament hija bla bażi fil-liġi u tirrasenta d-disprezz tal-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż. Il-parlament huwa sovran u ħlief kif stipulat mill-Kostituzzjoni ħadd ma jista' jindaħallu fil-mod kif jeżerċita l-funzjoni leġislattiva tiegħu;*
3. *Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, l-Ispeaker ra li l-Att XLVIII tal-2021 ġie mgħoddi skont il-poteri leġislattivi mogħtija lill-Parlament mill-Kostituzzjoni u l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Fil-fatt mill-minuti tal-istess seduti relattivi joħroġ li l-liġi għaddiet fl-ambitu tal-proċeduri u provvedimenti statutorji u dan f'kull stadju li għadda minnu l-Abbozz ta' Liġi sakemm sar Att tal-Parlament;*
4. *Irid jingħad ukoll li biex tiġi mgħoddija liġi, imkien m'hemm stipulat li b'mod tassattiv l-istess proċeduri għandhom jinkludu xi stadju ta' konsultazzjoni*

*pubblika. Minkejja dan, fl-istadju tal-Kumitat li seħħ waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġijiet li ltaqa' fit-12 ta' Lulju, 2021, bil-permess tal-istess Kumitat, il-Membri semgħu dak li kellhom xi jgħidu rappreżentanti tal-Kamra tal-Inġiniera u tad-Development and Programme Implementation Directorate. (Kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa qed jiġu annessi);*

5. *Inoltre mhux minnu li d-direttiva tistipula tassattivament metodu kif il-funzjoni leġislattiva tal-Istat għandha tiġi eżerċitata. A tenur tal-art. 288 tat-TFEU: "*A directive shall be binding, as to the result to be achieved, upon each Member State to which it is addressed, but shall leave to the national authorities the choice of form and methods."
6. *Illi ma hemm l-ebda nullità tal-Att innifsu kif pretiż mir-rikorrenti, liema Att fl-aħħar mill-aħħar saret anke in sostenn tal-Artikolu 60 tat-TFEU "*The Member States shall endeavour to undertake the liberalisation of services beyond the extent required by the directives issued pursuant to Article 59(1), if their general economic situation and the situation of the economic sector concerned so permit."
7. *Illi t-talbiet kif formulati huma insostenibbli u għandhom jiġu miċħuda fi kwalsiasi każ;*
8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

*Għaldaqstant it-talbiet tal-attur għandhom jiġu miċħuda billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimati **Avukat tal-Istat, l-Onorevoli Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministru Ian Borg** u **s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati Avukat tal-Istat et'], li ġiet ippreżentata fl-4 ta' Ottubru, 2022, fejn ġie eċċepit illi:

*"Jesponu bir-rispett:*

1. *Illi preliminarjament, l-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri u dan ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *In linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju, lanqas il-Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ma huma l-leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri;*

3. *Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, il-Ministru Ian Borg, illum Ministru tal-Affarijiet Barranin, mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri;*

4. *Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali mhux il-leġittimu kontradittur stante li l-Bord tal-Inġiniera mertu tal-mandat imsemmi fir-rikors promutur, illum il-ġurnata ma jaqax taħt tali Ministeru iżda jaqa' taħt il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar (ara d-definizzjoni ta' 'Ministru' taħt l-artikolu 2 tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta);*

5. *Illi in linea preliminari wkoll u dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponenti jitolbu għas-sejħa fil-kawża tal-Kamra tal-Inġiniera għaliex l-interessi tal-professjoni tal-inġinerija u tal-membri kollha tagħha jistgħu jkunu milqutin direttament bl-eżitu ta' din il-kawża;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, it-talbiet fil-mertu tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in toto fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati <u>mingħajr preġudizzju għal xulxin</u>:*

7. *Illi l-emendi saru permezz tal-Att XLVIII tal-2021 (liema Att qed jiġi attakkat permezz ta' dawn il-proċeduri) għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) huma validi u l-Parlament segwa bis-sħiħ il-proċeduri u l-provvedimenti statutorji kollha mandatorji rikjesti għall-validità tal-istess Att. Tali emendi kienu intiżi sabiex il-leġiżlazzjoni Maltija tkun konformi mad-Direttiva dwar is-Servizzi li ġġib in-numru 2006/123/EC;*

8. *Illi dawn l-emendi kellhom isiru wara avviż formali maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinbeda l-proċedura relatata mal-*infringement proceedings *minħabba nuqqas ta' konformità mad-Direttiva fuq imsemmija u dan għaliex il-liġi Maltija kienet meqjusa bħala restrittiva;*

9. *Illi l-għan ta' din id-direttiva huwa li jiġu eliminati l-barrieri bejn l-Istati Membri sabiex jitneħħew ostakoli u b'hekk* service provider *ikun jista' jagħti s-servizz tiegħu fi Stat Membru ieħor dejjem jekk jissodisfa l-kriterji li permezz tagħhom ikun jista' jġib il-*warrant*;*

10. *Illi għall-kuntrarju ta' dak li qed isostni r-rikorrent, l-emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija kienu ilhom jiġu diskussi għal diversi snin b'konsultazzjoni kontinwa u b'laqgħat regolari mal-Kamra ta' Inġinieri Professjonali, liema Kamra hija stabbilita bil-liġi permezz tal-artikolu 18 tal-Kap. 321 u tirrappreżenta lill-inġiniera u l-professjoni tal-inġinerija f'Malta kif ukoll tirregola l-etika dwar il-kondotta tal-professjoni nnifisha bil-għan fost affarijiet oħra li, tissalvagwardja, tipproteġi u tippromwovi l-professjoni tal-inġinerija. Il-Kamra ta' Inġinieri Professjonali dejjem ħadmet u se tibqa' taħdem għat-tisħiħ tal-professjoni tal-inġinerija;*

11. *Illi r-rikorrent jagħmel referenza għall-Att XXV tal-2020 (Kap. 612 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar Test tal-Proporzjonalità qabel l-Adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet) liema Att isemmi t-test ta' proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet. L-esponenti jirrilevaw li dan l-Att japplika meta l-liġi proposta tkun ser tirrestrinġi l-aċċess għal professjonijiet li diġà jeżistu, jew professjonijiet ġodda. Dan l-Att XXV tal-2020 bl-ebda mod ma japplika għall-abbozz ta' emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija għaliex dawn l-emendi assolutament ma jirrestrinġux l-aċċess għal, jew l-eżerċitar ta' professjoni regolata anzi għall-kuntrarju, qed iżidu l-aċċess għal tali professjoni. Li kieku kien il-każ li l-emendi qed jirrestrinġu l-aċċess jew eżerċitar tal-professjoni tal-inġinerija, dawn imorru kontra d-Direttiva dwar is-Servizzi – ħaġa li żgur ma kinitx ser tiġi aċċettata mill-Kummissjoni Ewropea;*

12. *Illi f'dan il-kuntest huwa importanti li jiġi sottolineat li minkejja li kien hemm konsultazzjoni kemm mal-Kamra tal-Inġiniera kif ukoll kien hemm laqgħa mal-Union rikorrenti, fil-verità, il-konsultazzjoni pubblika hija tassattiva meta ser ikun hemm restrizzjonijiet fil-liġi. F'dan il-każ, ma kienx hemm restrizzjonijiet u għalhekk il-konsultazzjoni pubblika ma kinitx mandatorja u dan anki kif imsemmi fl-artikolu 7(2) tal-Kap. 612;*

13. *Illi huwa fatt indiskuss li jekk din l-Onorabbli Qorti tasal tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, u tiddikjara li l-Att XLVIII tal-2021 huwa null u bla effett, nerġgħu nitfgħu lil Malta fis-sitwazzjoni xejn feliċi fejn il-Kummissjoni Ewropea jkollha terġa' tintavola* infringement proceedings *kontra Malta, bil-konsegwenzi kollha marbutin ma' tali proċeduri;*

14. *Illi ta' min jgħid ukoll li l-mandat ta' inibizzjoni li qed issir referenza għalih f'dawn il-proċeduri u ċioe mandat ta' inibizzjoni numru 1430/2020FDP deċiż nhar il-5 ta' Novembru, 2020, kien ġie intavolat kontra l-Bord u l-membri tiegħu inkluż iċ-Chairperson. Dak li ġie mitlub mill-Union rikorrenti lil dik l-Onorabbli Qorti permezz tar-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera kienet "sabiex iżżomm lill-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera milli jirrilaxxja u/jew jippreżenta u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovi l-emendi li l-Bord intimat ħadem fuqhom għal dawn l-aħħar snin in konnessjoni mal-Att dwar l-Inġinerija (Kap. 321) u li bi ħsiebu jressaq quddiem il-Parlament tar-Repubblika, tramite l-Ministeru konċernat, iżżommu milli jkompli jew milli jagħmel dak hawn fuq imsemmi."*

15. *Huwa fatt li l-Qorti laqgħet tali talba u għalhekk il-Bord BISS – U L-EBDA ENTITÀ OĦRA – ma kien miżmum milli jagħmel dak imsemmi fuq. Ta' min jgħid li l-Bord mexa skont il-mandat u dawk l-emendi ma mexxihomx għand il-Parlament għaliex l-irwol tiegħu waqaf sal-punt fejn l-emendi marru għand il-Kummissjoni (fil-31 ta' Awwissu, 2020). Għalhekk, il-Parlament ma kien bl-ebda mod miżmum milli jkompli bl-iter leġislattiv għaliex il-mandat kien indirizzat lill-Bord u kien qed iżomm biss lill-Bord. L-*

*esponenti jiċħdu b'qawwa li l-Parlament beda l-ewwel qari tal-Abbozz ta' Liġi li jirregola l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġiniera b'mod anti-kostituzzjonali u dan għaliex ma kien hemm xejn li qed iwaqqaf lill-Parlament milli jagħmel dan; u apparti minn hekk huwa inawdit li l-Parlament jitwaqqaf b'xi mod milli jagħmel xogħlu u l-esponenti huma tal-fehma li huwa proprju min jittenta jwaqqaf lill-Parlament li qed jaġixxi b'mod anti-kostituzzjonali;*

16. *Illi għalhekk, l-Att XLVIII tal-2021 huwa validu u l-proċeduri u l-obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv ġew osservati kollha* ad litteram *u għalhekk ir-rikorrenti m'għandu l-ebda bażi għal dawn il-proċeduri speċjali;*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2024, il-kawża tħalliet għas-sentenza, u l-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u tal-intimati Avukat tal-Istat *et*.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

4. Ir-rikorrent **l-Inġ. Arthur Ciantar fil-kapaċità President tal-Malta Association of Professional Engineers** (minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent *nomine*' jew 'il-MAPE'), li hija *union* reġistrata u li tirrappreżenta l-interessi tal-inġiniera membri tagħha, jilmenta li l-Parlament Malti naqas milli jsegwi proċeduri u provvedimenti statutorji mandatorji meta ġie biex japprova emendi leġislattivi permezz tal-Att XLVIII tal-2021, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Lulju, 2021. Ir-rikorrent spjega li l-imsemmi Att emenda l-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan mingħajr ma l-Parlament segwa l-proċeduri u l-provvedimenti mandatorji

rikjesti għall-validità tal-Att, fosthom li jsiru l-konsultazzjonijiet imposti mil-liġi ta' Malta, mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mil-liġi tal-Unjoni Ewropea, u dan in-nuqqas għandu jwassal għan-nullità tal-Att XLVIII tal-2021. Qal li l-emendi leġislattivi in kwistjoni, li jikkonċernaw il-professjoni tal-inġiniera, jaqgħu taħt is-*Services Directive,* li ġiet trasposta fil-liġi Maltija bl-Att XXIII tal-2020, u għalhekk huma suġġetti għall-*Proportionality Test Directive* trasposta fil-liġi Maltija bl-Att XXV tal-2020. Ir-rikorrent l-Ing. Ciantar *nomine* qal li sabiex dan l-Att leġislattiv ikun validu, dan kellu jiġi sottopost għal proċess ta' konsultazzjoni mal-pubbliku in ġenerali, u ladarba din il-konsultazzjoni ma saritx, hemm lok fejn din il-Qorti tippronunzja n-nullità tal-Att. Jirriżulta wkoll li r-rikorrent *nomine* kien intavola mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-Bord tal-Inġiniera, li ġie milqugħ mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Novembru, 2021. Ir-rikorrent *nomine* jikkontendi li l-Bord kien l-organu li kellu kompetenza jmexxi konsultazzjonijiet pubbliċi, sabiex dan juri kif l-emendi leġislattivi proposti huma (a) neċessarji; (b) mhux diskriminatorji; (ċ) proporzjonali. Ir-rikorrent qal li minkejja li kien hemm din l-ordni tal-Qorti fil-konfront tal-Bord, il-Parlament Malti xorta waħda pproċeda bl-Ewwel Qari tal-abbozz ta' liġi propost, għadda wkoll għat-Tieni u għat-Tielet qari, sakemm eventwalment l-emendi leġislattivi proposti ddaħħlu fis-seħħ, u dan meta kien għad hemm *in vigore* l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, u l-kawża li segwiet wara kienet għadha pendenti. Ir-rikorrent *nomine* qal li dawn il-fatti jagħtu lok sabiex tiġi intavolata l-*actio popolaris* għan-nullità tal-Att XLVIII tal-2021. Permezz tat-talbiet tiegħu lil din il-Qorti, ir-rikorrent nomine talab li l-Att XLVIII tal-2021 jiġi dikjarat li huwa null u bla effett għaliex dan ġie mgħoddi mill-Parlament ta' Malta b'nuqqas ta' osservanza tal-proċeduri u obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv u konsultattiv kollu tiegħu, u mingħajr ma seħħ proċess konsultattiv li jista' jitqies li huwa validu, non-diskriminatorju, neċessarju u proporzjonali kif impost mill-

Kostituzzjoni ta' Malta, mil-liġi ta' Malta, u mil-liġi tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent *nomine* talab lil din il-Qorti tistabblixxi proċess perentorju li fih il-Parlament jgħaddi, u jieħu dawk il-miżuri leġislattivi neċessarji sabiex jottempera ruħhu mad-deċiżjoni tal-Qorti u l-provvedimenti tal-Att XLVIII tal-2021 jiġu reżi nulli u bla effett, b'talba għal kull rimedju ieħor li din il-Qorti tista' tqis li huwa xieraq.

5. L-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, fir-risposta tiegħu eċċepixxa li huwa għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju stante li hu la huwa rappreżentant tal-Gvern ta' Malta u lanqas tal-Kamra tad-Deputati. Qal li l-kawża odjerna hija mingħajr bażi fil-liġi, u ddeskriva l-att intavolat mir-rikorrent *nomine* bħala wieħed li jammonta għal disprezz lejn l-ogħla istituzzjoni fil-pajjiż, stante li l-Parlament huwa sovran. L-i*Speaker* eċċepixxa li l-Att XLVIII tal-2021 għadda skont il-poteri leġislattivi mogħtija lill-Parlament, u qal li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda obbligu li ssir konsultazzjoni, u fi kwalunkwe każ instemgħu kemm ir-rappreżentanti tal-Kamra tal-Inġiniera, kif ukoll rappreżentanti tad-*Development and Programme Implementation Directorate.* Qal li d-Direttiva imkien ma timponi kif għandha tiġi eżerċitata l-funzjoni leġislattiva tal-Istat, u fil-każ odjern m'hemm l-ebda nullità tal-Att, filwaqt li ddeskriva t-talbiet tar-rikorrent nomine bħala 'insostenibbli'.

6. L-intimati l-Avukat tal-Istat *et* eċċepew li l-intimat Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u lanqas il-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministru Ian Borg u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti m'huma leġittimi kontradittturi, u dan għaliex il-Bord tal-Inġiniera llum il-ġurnata jaqa' taħt il-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar. L-intimati l-Avukat tal-Istat *et*

eċċepew ukoll li fil-każ odjern hemm lok għas-sejħa fil-kawża tal-Kamra tal-Inġiniera. L-intimati qalu li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fil-mertu, u dan għaliex l-emendi leġislattivi introdotti permezz tal-Att XLVIII tal-2021 huma validi, u l-Parlament segwa bis-sħiħ il-proċeduri u l-provvedimenti statutorji mandatorji kollha rikjesti għall-validità tal-imsemmi Att. Eċċepew ukoll li l-emendi leġislattivi in kwistjoni saru wara avviż formali tal-Kummissjoni Ewropea sabiex jinbdew *infringement proceedings* kontra Malta minħabba nuqqas ta' konformità mad-Direttiva Ewropea dwar is-Servizzi (2006/123/KE). L-intimati l-Avukat tal-Istat *et* spjegaw li l-għan ta' din Direttiva kien li jitneħħew l-ostakoli bejn l-Istati Membri, u b'hekk *service providers* ikunu jistgħu jagħtu s-servizzi tagħhom fi Stat ieħor. Qalu li l-emendi leġislattivi in kwistjoni kienu ilhom jiġu diskussi bosta snin b'konsultazzjoni kontinwa u b'laqgħat regolari mal-Kamra tal-Inġiniera. L-intimati spjegaw li l-Att XXV tal-2020 (l-Att dwar it-Test tal-Proporzjonalità qabel l-Adozzjoni ta' Regolamentazzjoni Ġdida tal-Professjonijiet) japplika biss meta l-liġi proposta tkun ser tirrestrinġi l-aċċess għal professjonijiet li diġà jeżistu jew dawk ġodda. Qalu li l-konsultazzjoni pubblika hija tassattiva biss meta din tkun ser tintroduċi restrizzjonijiet fil-liġi, u fil-każ odjern ma ġew introdotti l-ebda restrizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' inġinier, u għalhekk ma kienet meħtieġa l-ebda konsultazzjoni. Qalu li jekk l-Att impunjat jiġi dikjarat null, jerġgħu jinbdew l-*infringement proceedings* kontra Malta. L-intimati l-intimat Avukat tal-Istat *et* qalu li fi kwalunkwe każ, l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni japplikaw biss fil-konfront tal-Bord tal-Inġiniera u tal-membri tiegħu, u l-emendi leġislattivi in kwistjoni ma kienx il-Bord li ressaqhom quddiem il-Parlament, u għalhekk il-Parlament ma kienx miżmum milli jkompli bl-iter leġislattiv. Qalu li għalhekk l-Att XLVIII tal-2021 huwa validu, u l-proċeduri u l-obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv fil-każ odjern ġew osservati *ad litteram*.

**Provi u riżultanzi**

7. **L-Inġinier Arthur Ciantar** ppreżenta l-*affidavit* tiegħu permezz ta' nota tat-30 ta' Settembru, 2022[1], fejn spjega li huwa ggradwat bħala Inġinier fl-inġinerija elettrika mill-Fakultà tal-Inġinerija tal-Università ta' Malta, u għandu *warrant* sabiex jipprattika bħala inġinier. Qal li huwa ppreżenta r-rikors odjern kemm f'ismu personali bħala inġinier, u anki bħala President tal-Union tal-Inġiniera, il-Malta Association of Professional Engineers (MAPE).[2] Qal li huwa istitwixxa l-*actio popolaris* bħala ċittadin Malti, u peress li għandu r-rwol ta' President tal-MAPE, huwa għandu aċċess għal tagħrif u informazzjoni ta' rilevanza għar-rikors odjern. Qal li f'Lulju tal-2022, il-Parlament approva l-Abbozz 205 (Emendi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija - Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta), u huwa dan l-abbozz li jifforma l-bażi tal-lanjanzi tiegħu. Qal ukoll li f'dan ir-rigward huwa talab għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (1430/20 FDP). Qal li l-Ministru kkonċernat kien iddelega l-poteri tiegħu lill-Bord tal-Inġinerija, u l-istess Bord kien ġie inibit mill-Qrati milli jkompli bit-tibdiliet fil-liġi proposti sakemm tiġi deċiża l-kawża fil-mertu. Qal ukoll li għalkemm il-Bord osserva d-direzzjoni tal-Qorti u waqaf fl-inkarigu tiegħu, il-Ministru kkonċernat skarta kompletament l-ordni mogħtija mill-Qorti bl-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni, u ppropona t-tibdiliet fil-liġi lill-Parlament, li approvahom. Ir-rikorrent qal li l-kawża tiegħu hija bbażata fuq il-fehma tiegħu li l-Parlament ġab fix-xejn id-deċiżjoni tal-Qorti, meta approva t-tibdiliet fil-liġi kkontestata, u dan konsegwenza tal-fatt li għalkemm il-Bord kellu l-poter li jagħmel preparamenti għat-tibdil fil-liġi, il-Ministru xorta waħda ddeċieda li jipproponi l-liġi, u l-Parlament minkejja li kien debitament mgħarraf bil-mandat, ġab fix-xejn

[1] *A fol.* 9 tal-proċess.
[2] Fil-verità r-rikors promotur ġie ppreżentat mir-rikorrent *noe* f'isem il-MAPE biss.

deċiżjoni tal-Qorti. L-Inġ. Arthur Ciantar kompla jgħid li qatt ma saret konsultazzjoni dwar l-emendi leġislattivi speċifiċi li ddaħħlu fil-liġi permezz tal-Abbozz Nru. 205, u dan kuntrarjament għal dak li jimponi l-artikolu 7 tal-Att XXV tal-2020 dwar it-Test tal-Proporzjonalità. Qal li l-emendi leġislattivi li ġew ippromulgati jagħtu lok għall-aċċess fil-professjoni lil persuni li mhux neċessarjament għandhom il-kwalifiki meħtieġa, u dan fost miżuri oħra li huma ta' dannu għall-professjoni, u għall-poplu in ġenerali, għaliex dan l-istat ta' fatt ser ibaxxi l-i*standards* mistennija minn kull min jeżerċita l-professjoni ta' inġinier. Qal li kienet ix-xewqa tiegħu li jsiru konsultazzjonijiet għaliex wara aktar minn ħamsa u tletin sena esperjenza, huwa personalment u bħala President tal-MAPE seta' u jista' jipprovdi diversi suġġerimenti sabiex il-professjoni tal-inġinerija tkompli tissaħħaħ u tgħin fl-iżvilupp tal-pajjiż. Saħaq li kellhom proposti li jirrigwardaw proċeduri min-naħa tal-inġiniera professjonisti sabiex tiġi assigurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u s-sigurtà tal-poplu b'mod ġenerali. Qal li b'dak li ġara, dawn is-suġġerimenti qatt ma ġew ikkunsidrati. Ix-xhud qal li kellhom wkoll proposti għal proċeduri intiżi sabiex iwasslu gradwat tal-inġinerija japplika għal *warrant* permezz ta' inġinier *supervisor* li jkollu aktar minn għaxar snin esperjenza, kif isir fi professjonijiet oħrajn. Qal li kellhom proposti oħra li jikkonċernaw il-kostituzzjoni tal-*Engineering Profession Board,* u l-proċeduri li jirregolaw il-laqgħat tal-istess Bord. Qal li kellhom proposti oħra dwar il-proċedura ta' kif jinżamm ir-reġistru tal-*warranted engineers,* u ta' kif jiġi aġġornat dan ir-reġistru meta xi ħadd mill-kollegi f'din il-professjoni jħalli din id-dinja. Qal li l-MAPE hija mgħarrfa b'diversi nuqqasijiet f'dan ir-reġistru. Qal ukoll li hemm *gap* ta' 158 *warrant numbers* u *gap* ieħor ta' 544 *sequential warrant numbers* fil-lista ta' inġiniera bil-*warrant* ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern li mhumiex allokati, li huwa jemmen li ma sarx bi żball. Qal li hemm każijiet fejn gradwati fl-inġinerija ħadu l-ġurament u

ngħataw iċ-ċertifikat tal-*warrant,* imma dawn baqgħu ma ġewx ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern għal bosta xhur. Qal li r-reġistru ta' kull professjoni huwa strument legali importanti u essenzjali għall-integrità tal-istess professjoni, u għalhekk huwa meħtieġ li dan jiġi garantit permezz ta' proċeduri mdaħħla fl-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija. Qal li hemm diversi proposti oħra ta' dan it-tip, u li kieku saret il-konsultazzjoni neċessarja, kienu joħorġu wkoll bosta proposti validi oħra. Qal iżda li dan ma seħħx għaliex il-Ministru repsonsabbli mit-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u li taħtu kien jaqa' l-*Engineering Profession Board,* dak iż-żmien ressaq l-Abbozz Nru. 205 għall-approvazzjoni tal-Parlament. Qal ukoll li l-Ministru, li dak iż-żmien kien l-Onor. Ian Borg, kien jaf li kien hemm fis-seħħ l-effett tal-mandat ta' inibizzjoni mressaqq minnu (1430/20 FDP), iżda xorta waħda baqa' għaddej. Qal li huwa kiteb lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati u lill-Prim Ministru dwar dan, iżda dawn qatt ma tawh risposta. L-Inġ. Arthur Ciantar qal li huwa għarraf b'dan ukoll lill-President tar-Repubblika, qabel ġew approvati l-emendi leġislattivi in kwistjoni, u t-tweġiba li kien ingħata dak iż-żmien kienet li din hija kwistjoni li l-aħjar li tiġi riżolta permezz ta' proċeduri legali quddiem il-Qrati. Qal li minkejja dan kollu, il-Parlament xorta waħda approva l-emendi leġislattivi u b'hekk ċaħħad lilu personalment, kif ukoll fil-vesti tiegħu ta' President tal-MAPE u lill-inġiniera kollegi tiegħu mill-opportunità li jipparteċipaw f'konsultazzjonijiet obbligatorji skont l-art. 7 tal-Att XXV tal-2020.

8. L-Inġ. Arthur Ciantar spjega l-iter li wassal għall-adozzjoni tal-emendi leġislattivi mill-Parlament, billi qal li fit-12 ta' Marzu, 2021, l-Onor. Ian Borg ressaq il-mozzjoni Nru. 501 quddiem il-Kamra tad-Deputati. Qal li fit-12 ta' Marzu, 2021 ukoll, fil-vesti tiegħu ta' President tal-MAPE, huwa kiteb lill-i*Speaker* tal-Kamra sabiex jinfurmah dwar dak li kien qiegħed jiġri, u li dwar din

il-materja kien hemm fis-seħħ l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni, u kien talab għas-sospensjoni fil-Parlament ta' kwalunke qari tal-abbozz imsejjaħ 'Att li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija, Kap. 321' sakemm il-proċeduri kollha quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jkunu konklużi. Qal li fl-ittra tiegħu huwa għamel riferiment għar-risposta tal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea Margaret Schinas, li qalet illi '*in addition the Proportionality Test Directive, which is to be transposed by the 30 July 2020, obliges Member States to thoroughly assess the proportionality of any new professional regulation before its adoption.'* Qal li huwa ċar ħafna li din id-Direttiva timponi obbligi fuq l-Istati Membri '*to assess thoroughly the proportionality of any new professional regulation or deregulation before its adoption.'* Qal li minkejja d-diversi sforzi min-naħa tal-MAPE, anki bl-intervent tal-Forum Unions Maltin sabiex issir konsultazzjoni, xorta waħda baqa' ma sar xejn. Qal li l-MAPE kellha ħjiel li l-Bord kien ser jipproċedi xorta waħda sabiex jippreżenta l-emendi leġislattivi għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati, u l-MAPE ma kellha l-ebda triq oħra ħlief li titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li l-effetti tiegħu għadhom fis-seħħ. L-Inġ. Ciantar qal li hu spjega dan kollu fl-ittra tiegħu, u l-Ministru kkonċernat kien jaf bl-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni għaliex huwa stess kien stqarr fil-Parlament li l-mandat ma sarx kontra tiegħu iżda kontra l-Bord, u kien għalhekk li huwa ħassu liberu li jressaq l-emendi leġislattivi quddiem il-Parlament. Qal li dan sar mingħajr ebda rispett lejn l-ordni tal-Qorti, u lejn il-kontenut tal-istess ordni. Qal li l-Ministru Borg warrab kull rispett lejn il-prinċipju tas-*separation of powers,* u baqa' għaddej. Qal li bl-Att XXI tal-2020 (*Devolution of Certain Ministerial Powers* Act), li saret liġi fl-2020, u li hija retroattiva għall-2018, kwalunkwe emendi leġislattivi għall-*Engineering Profession Act* (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) jista' jagħmilhom il-Minstru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-

*Engineering Profession Board*. Kompla jgħid li l-MAPE hija infurmata li ma saret ebda rakkomandazzjoni mill-Bord, u li kieku saret xi forma ta' rakkomandazzjoni jew parir li jikser l-istipulazzjonijiet tal-ordni tal-Qorti, dan ikun ifisser li hemm ksur tal-ordni tal-Qorti. Ir-rikorrent qal li l-Ministru, bl-aġir tiegħu, kien qiegħed jisfida l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, u għalhekk kien qiegħed jisfida lill-Qrati u lill-ġudikatura. Qal ukoll li l-Ministru involva lid-Deputati Parlamentari sabiex dawn japprovaw emendi leġislattivi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerja li kienu difettużi, għaliex ma kinux suġġetti għall-provvedimenti tal-Att XXV tal-2020 (*Proportionality Test Directive).* Kompla jgħid li l-MAPE saħqet li fiċ-ċirkostanzi ta' dakinhar, kien ikun għaqli li l-abbozz ta' liġi jiġi irtirat u l-proċess ġudizzjarju li kien għadu għaddej quddiem il-Qorti, jitkompla in ottemperanza mal-prinċipju li l-ġustizzja trid mhux biss issir, imma tidher li qed issir. Qal li kopji tal-ittri mibgħuta minnu fid-19 ta' April, 2021, intbagħtu lill-i*Speaker* tal-Kamra, lill-Prim Ministru u lill-Kummissjoni Ewropea, fost l-oħrajn. Qal li l-MAPE qatt ma rċeviet risposta għal din l-ittra, la mingħand l-i*Speaker* tal-Kamra, la mingħand il-Prim Ministru u lanqas mingħand il-Ministru Ian Borg. Qal li l-Abbozz Nru. 205 imressaq mill-Ministru Ian Borg, ġie diskuss u anki approvat mill-Kamra tad-Deputati. Kompla jgħid li xi żmien wara, il-MAPE permezz ta' telefonata, kienet ġiet mistiedna mill-Ministru Ian Borg għal diskussjoni fil-Kamra tad-Deputati fuq inizjattiva tal-Oppożizzjoni. Qal li peress li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni kienu għadhom fis-seħħ, il-MAPE, abbażi ta' pariri legali li ħadet, irrispondiet permezz ta' ittra tal-5 ta' Lulju, 2021, indirizzata lill-Ministru Ian Borg u lill-Kap tal-Oppożizzjoni, u infurmat kemm lill-Ministru kif ukoll lill-Kap tal-Oppożizzjoni li ma kinitx ser tattendi għal-laqgħa li kellha ssir fil-5 ta' Lulju, 2021. Qal li l-MAPE għamlitha ċara wkoll li l-konsultazzjonijiet dwar l-emendi leġislattivi għall-Kap. 321 isiru biss mill-*Engineering Profession Board* skont l-Att XXI tal-2020. Qal li l-MAPE għalhekk saħqet li l-abbozz

imressaq mill-Ministru Ian Borg huwa difettuż, u b'dak li kien qiegħed jagħmel, anki flimkien mal-Oppożizzjoni, kienet qiegħda tiġi sfidata l-ordni tal-Qorti. L-Inġ. Ciantar qal li l-MAPE ma riedet li jkollha x'taqsam xejn ma' dawn il-manuvri, u infurmat li l-uniku post fejn kien aċċettabbli għaliha li tittratta dan is-suġġett kien quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Qal li l-MAPE iddeskriviet dak li għamel il-Ministru Borg bl-appoġġ tal-Oppożizzjoni, bħala affront kontra l-inġiniera professjonisti u kontra l-ġudikatura, u l-proċess ġudizzjarju, kif ukoll affront kontra d-demokrazija stess. Qal li l-MAPE reġgħet fakkret lill-partijiet konċernati li kien hemm fis-seħħ l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni. Qal li wara din l-ittra, l-Abbozz Nru. 205 mexa għat-Tielet Qari fil-Parlament, u ġie approvat fl-aħħar seduta tal-Parlament f'Lulju 2021, bir-riżultat li l-emendi leġislattivi proposti issa daħlu u jiffurmaw parti integrali mil-liġi. Qal li l-proċedura kollha li ntużat mill-Ministru kkonċernat, kienet maħsuba biex iġġib fix-xejn il-proċess ġudizzjarju li jinsab għaddej quddiem il-Qrati, u l-Ministru kien jaf li hemm mandat ta' inibizzjoni fis-seħħ li żamm lill-Bord milli jmexxi l-emendi leġislattivi għall-approvazzjoni tal-Parlament ta' Malta. Qal li fid-diskors tiegħu quddiem il-Parlament, il-Ministru Borg irrikonoxxa li hemm fis-seħħ l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni. Qal li l-emendi leġislattivi proposti fl-Abbozz Nru. 205 huma difettużi għaliex ma ġewx suġġetti għall-istipulazzjonijiet tal-Att XXV tal-2020, u partikolarment għall-konsultazzjonijiet iddettati fl-artikolu 7 tal-istess Att, li l-Kummissjoni Ewropea qalet li huma obbligatorji. Qal li minkejja dan, il-Ministru xorta waħda ressaq l-Abbozz Nru. 205 bl-emendi leġislattivi dwar il-Professjoni tal-Inġinerija għall-approvazzjoni tal-Parlament. Ir-rikorrent qal li fl-isfond ta' dan kollu, l-aġir tal-Ministru Ian Borg huwa wieħed ta' disrispett lejn l-ordni tal-Qorti, għall-ġudikatura u għad-demokrazija, u għad-dritt li għandu kull ċittadin u kull entità bħall-MAPE għal smigħ xieraq quddiem il-Qrati. Qal li bħala leġislatur, il-Ministru Borg kellu obbligu jara li dan ma jseħħx. Ix-xhud staqsa

għal liema raġuni la l-i*Speaker* tal-Kamra u lanqas il-Prim Ministru ma ħadu passi quddiem sitwazzjoni li huwa ddeskriva bħala 'straordinarja' sabiex jiġi assigurat ir-rispett lejn il-Qorti.

9. In konklużjoni, l-Inġ. Ciantar qal li l-emendi leġislattivi għall-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) ma ġewx sottomessi għall-konsultazzjonijiet, kif stipulat fl-artikolu 7 tal-Att XXV tal-2020 dwar it-Test tal-Proporzjonalità (*Proportionality Test Directive*), u għalhekk huma difettużi, u qal li kemm hu kif ukoll il-MAPE kellhom diversi rakkomandazzjonijiet għal emendi li huma meħtieġa sabiex il-professjoni tal-inġinerija f'Malta tiġi aġġornata. Qal li minkejja l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni (1430/2020) li kien fis-seħħ, l-emendi leġislattivi ġew ippreżentati quddiem il-Parlament ta' Malta għall-approvazzjoni, u dan bi sfida għall-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, li kien jaf bih u li ssemma mill-Ministru Borg fid-diskors tiegħu fil-Parlament. Qal li minkejja l-isforzi li saru minnu sabiex id-dibatittu dwar l-Abbozz Nru. 205 jiġi sospiż jew irtirat sakemm il-kawża tinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivii, il-Kamra tad-Deputati xorta waħda baqgħet għaddejja u approvat l-emendi leġislattivi difettużi kif inhuma. Qal li fil-fehma tiegħu dawn l-emendi leġislattivi ma kellhomx jiġu approvati meta kien hemm l-effetti ta' mandat ta' inibizzjoni fis-seħħ, u kemm hu bħala inġinier professjonist kif ukoll il-kollegi tiegħu sofrew preġudizzju bl-approvazzjoni tal-emendi leġislattivi għall-Kap. 321 mill-Parlament meta hemm mandat ta' inibizzjoni fis-seħħ dwarhom, u huwa jemmen li din l-azzjoni tmur kontra l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

10. Ir-rikorrent *nomine* ippreżenta wkoll kopja tal-ittra mibgħuta minnu lill-i*Speaker* tal-Kamra fit-12 ta' Marzu, 2021, kopja tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Malta Association of**

**Professional Engineers – Trade Union Reġistrata bin-numru 311 *vs.* Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija fi ħdan il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali**, li permezz tiegħu l-MAPE talbet lill-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-Bord milli jirrilaxxa u/jew jippreżenta u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovi l-emendi li l-Bord ħadem fuqhom fl-aħħar snin in konnessjoni mal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) u li fi ħsiebu jressaq quddiem il-Parlament Malti.[3] Ir-rikorrent *nomine* ippreżenta wkoll kopja tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Novembru, 2020, fl-ismijiet **Malta Union of Professional Engineers (MAPE) *vs* Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et**, li permezz tagħha l-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni msemmi.[4] Ir-rikorrent *nomine* ippreżenta wkoll kopja ta' ittra tad-19 ta' April, 2021, mibgħuta minnu lill-Ministru Ian Borg intitolata *'Request for the withdrawal of Bill 205'.*[5] Ir-rikorrent *nomine* ippreżenta kopja tal-abbozz ta' liġi intitolat *'An Act to amend the Engineering Profession Act, Cap. 321'*[6]*;* kopja tal-Att numru XXV tal-2020, li permezz tiegħu ġew implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju, 2018 dwar il-*'proportionality test'* li jrid jiġi adottat qabel jiġu fis-seħħ regolamenti ġodda li jirregolaw il-professjonijiet[7]; kopja ta' abbozz ta' liġi li l-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija bagħat lill-MAPE dwar l-emendi proposti fil-liġi[8]; kopja tal-korrispondenza li kien hemm mal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea Margaritis Schinas, fejn din spjegat li "*[w]hile in the absence of relevant harmonisation at the EU level, Member States have the competency to decide whether and how to*

---

[3] *A fol.* 22 tal-proċess.
[4] *A fol.* 29 tal-proċess.
[5] *A fol.* 45 tal-proċess.
[6] *A fol.* 51 tal-proċess.
[7] *A fol.* 62 tal-proċess.
[8] *A fol.* 78 tal-proċess.

*regulate a profession, they must respect the framework of EU law, and especially the principles of proportionality and non-discrimination"*[9]; kif ukoll korrispondenza li r-rikorrent bagħat lil diversi Membri Parlamentari, bil-pożizzjoni kif deskritta minnu f'dawn il-proċeduri.[10]

11. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Frar, 2023, xehed **Godwin Mifsud**, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali[11], li xehed li wara l-aħħar elezzjoni ġenerali li saret, ir-responsabbiltà ministerjali għall-Bord tal-Inġiniera imxiet taħt il-Ministeru tax-Xogħlijiet.

12. Waqt l-udjenza tat-3 ta' Marzu, 2023, xehed **Joseph Caruana**, li qal li huwa kien Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali[12], u l-Bord tal-Inġiniera kien jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru li tiegħu huwa kien Segretarju Permanenti. Qal li meta daħal fil-kariga fl-1 ta' Ġunju, 2020, huwa kien ġie mgħarraf b'dawn l-emendi leġislattivi li kienu qegħdin jistennew risposta min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea dwar kjarifiki jew emendi meħtieġa fil-liġi in vista ta' *infringement procedure* li kien hemm. Qal li huwa qatt ma ltaqa' mal-Bord tal-Inġiniera, iżda d-direzzjoni li ngħata kienet li l-Ministeru kellu jiġi konformi mad-Direttiva, mal-*Mutual Qualification Directive* kif ukoll mal-*Provisional Qualification Directive*, u imbagħad il-Kummissjoni ma tkomplix bl-*infringement procedure.* Ix-xhud qal li huwa ma jiftakarx jekk kienx hemm mandat ta' inibizzjoni jew le.

13. Waqt l-istess udjenza xehed **Christopher Cutajar**[13], li kkonferma li serva bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura bejn

---

[9] *A fol.* 87 tal-proċess.
[10] *A fol.* 105 *et seq.* tal-proċess.
[11] *A fol.* 173 tal-proċess.
[12] *A fol.* 174 tal-proċess.
[13] *A fol.* 180 tal-proċess.

Ġunju 2016 u Mejju 2020, u bħala Segretarju Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali minn Ġunju tas-sena 2020. Qal li l-liġijiet ġodda li tfasslu f'dan il-perijodu, tfasslu bil-ħsieb li jkunu konformi ma' Direttivi Ewropej li kellhom jiġu trasposti kif mitlub mill-Kummissjoni Ewropea. Qal li dak iż-żmien il-Bord li Jirregola l-Professjoni tal-Inġiniera kien jaqa' taħt il-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura. Ix-xhud ikkonferma li l-Kummissjoni Ewropea kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Gvern dwar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tas-Servizzi, u kien hemm żmien meta Malta tqieset li kienet qiegħda fi ksur ta' numru ta' dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi. Qal li l-konsultazzjoni li hu jaf li saret, kienet issir permezz tal-iskambju tal-korrispondenza jew permezz ta' laqgħat, u d-diskussjonijiet kienu jinvolvu partijiet oħrajn. Ix-xhud qal li f'Novembru tal-2019, il-Kummissjoni kienet qalet li kienet sodisfatta bl-emendi li ġew proposti, u l-Kamra tal-Inġiniera kienet tkellmet direttament mal-Kummissjoni Ewropea. Ix-xhud qal li kien hemm konsultazzjoni min-naħa tal-Ministeru sabiex eventwalment kien hemm qbil fuq sett ta' emendi li mhux biss kienu aċċettabbli għall-Parlament Malti, iżda anki għall-Kummissjoni.

14. Waqt l-istess udjenza xehed ukoll il-**Ministru Ian Borg**[14], li qal li l-emendi leġislattivi kienu meħtieġa sabiex issir t-traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi, u qal li meta huwa sar jaf li hemm proċeduri kontra Malta, skatta proċess sabiex jiġi assigurat li Malta bħala Stat Membru, tkun konformi. Qal ukoll li malli huwa sar jaf li l-Bord kien iffaċċjat b'mandat ta' inibizzjoni, huwa waqaf jikkonsulta mal-Bord, imma dan lilu ma eżonerahx milli jaqdi d-doveri tiegħu bħala leġislatur. Qal ukoll li huwa kien il-Ministru responsabbli, u għalhekk ħass li kellu jibqa' għaddej bl-emendi leġislattivi fl-interess tal-pajjiż u tal-professjoni. Qal li

[14] *A fol.* 187 tal-proċess.

waqt li l-abbozz kien fl-istadju tat-Tieni Qari, huwa kien ġie infurmat mill-Oppożizzjoni fil-Parlament li kienet saret stedina lill-MAPE sabiex din tkun preżenti waqt il-laqgħa, imma minkejja li ġiet mistiedna sabiex tipparteċipa fil-laqgħat, il-MAPE baqgħet ma attendietx. Ix-xhud qal li dik kienet forma ta' konsultazzjoni importanti anki għaliex il-laqgħat kienu ser isiru fil-Parlament. Qal li però l-Parlament ma setax jinżamm ostaġġ ta' min iddeċieda li ma kellux jipparteċipa fid-diskussjonijiet. Qal li huwa kellu responsabbiltà li jersaq quddiem il-Kummissjoni Ewropea bl-emendi proposti, u fil-fatt dawn l-emendi ġew aċċettati mill-Kummissjoni. Qal li kien għalhekk li eventwalment huwa kien resaq quddiem il-Kabinett bil-proposti. Qal li r-responsabbiltà tiegħu kienet li jiddeċiedi jekk jilleġislax jew le, u f'dan il-każ huwa għażel li jilleġisla. Qal li l-mandat ta' inibizzjoni kien maħsub sabiex jolqot lill-Bord li kien biss komponent żgħir mill-proċess sħiħ li fl-ambitu tiegħu tfasslet din il-leġislazzjoni. Qal li però wara li daħlu fis-seħħ l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, huwa ma tkellimx aktar mal-Bord, u l-Bord min-naħa tiegħu ma tkellimx miegħu. Ix-xhud ikkonferma li wara li daħlu fis-seħħ l-emendi legislattivi, l-*infringement proceedings* mibdija kontra Malta, ma baqgħux aktar fis-seħħ għaliex Malta tqieset li kienet ġiet konformi mad-Direttiva Ewropea.

15. Fl-atti ta' dawn il-proċeduri ġie esebit ukoll parir li ngħata mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat fir-rigward ta' din il-kwistjoni, fejn ġie spjegat li minkejja li huwa minnu li l-mandat ta' inibizzjoni mitlub ġie milqugħ, dan intlaqa' biss fil-konfront tal-Bord u tal-ebda entità oħra.[15] Jirriżulta li dan id-dokument, flimkien ma' korrispondenza oħra, tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-Seduta Numru 441 tas-16 ta' Marzu, 2021 mill-Ministru għat-

[15] *A fol.* 200 tal-proċess.

Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali.[16] Ġie esebit ukoll komunikat li jindika li kien hemm korrispondenza mal-Kummissjoni Ewropea dwar dawn l-emendi tramite l-EUCD u l-PREU, kif ukoll konferma li l-emendi huma konformi mal-*acquis communautaire.*[17] Dokumenti oħra mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra u esebiti f'dawn il-proċeduri, jinkludu korrispondenza mibgħuta mill-Kamra tal-Inġiniera lill-membri tagħha[18], b'riferiment għall-emendi leġislattivi proposti, u numru ta' dokumenti li kienu diġà ġew esebiti f'dawn il-proċeduri mir-rikorrent *nomine*, u li jirriżulta li wkoll tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri Parlamentari[19], fosthom l-ittra li l-Inġ. Ciantar bagħat lill-Ministru Ian Borg fid-19 ta' April, 2021, il-kopja tad-deċiżjoni fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1430/2020 fl-ismijiet **Malta Association of Professional Engineers (MAPE) *vs.* Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et**, deċiża fil-5 ta' Novembru, 2020, kopja tal-korrispondenza li kien hemm mal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea Margaritis Schinas, kif ukoll kopja tal-korrispondenza mibgħuta minn Henning Ehrenstein, *Acting Head of Unit* fil-Kummissjoni Ewropea lill-President tal-Kamra tal-Inġiniera, fejn fost l-oħrajn ingħad illi, *'[T]he Commission is not in a position to comment on this matter as it concerns an ongoing infringement procedure and it is necessary to ensure that the procedure is carried out in "a climate of mutual trust" between the Commission and the Member State in question.'*

16. Bħala sfond għall-kwistjoni odjerna, il-Qorti tagħmel riferiment għad-dibattitu parlamentari tat-12 ta' Lulju, 2021[20], fejn l-Onor. Ministru Ian Borg qal:

[16] *A fol.* 199 tal-proċess.
[17] *A fol.* 202 tal-proċess.
[18] *A fol.* 205 tal-proċess.
[19] *A fol.* 207 *et seq.* tal-proċess.
[20] Esebit *a fol.*381 tal-proċess.

> *"Dawn l-emendi primarjament joħorġu mill-fatt li Malta, għaliex hija membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea u għaliex kien hemm proċess ta' ko-leġiżlazzjoni bejn il-Kunsill tal-Ministri u l-Parlament Ewropew, għandha l-obbligu, bħal kull Stat Membru ieħor, li tittrasponi d-Direttiva dwar is-Servizzi. Xi jfisser dan? Ifisser li aħna niġu hawnhekk u dik id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea ngħadduha f'liġi nazzjonali li tkun tirrifletti u tilħaq l-objettivi tal-istess Direttiva. Allura l-emendi f'dan l-Abbozz ta' Liġi li qed jemenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija primarjament jirriflettu dan kollu.*
>
> *Irrid ngħid li Malta qiegħda tard fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva. Fil-fatt, dawn l-emendi naħseb li ilhom jiġu diskussi s-snin u allura żgur mhuwiex il-każ li ma kienx hemm lok għall-konsultazzjoni, jew ma kienx hemm widen jew għarfien ta' x' jirrappreżenta ħaddieħor. Fi proċess demokratiku wieħed jisma' jaqra għaliex il-konsultazzjoni ssir ukoll b'mod miktub, imbagħad min għandu l-obbligu li jiddeċiedi, jieħu d-deċiżjonijiet u proprju għalhekk bħala Gvern qegħdin hawnhekk b'dawn l-emendi. U qegħdin hawnhekk b'dawn l-emendi wara li ddiskutejniehomm u ġew maqbula mal-Kummissjoni Ewropea. Jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea ratu t-test li għandna hawnhekk.*
>
> *Apparti minn hekk, dawn l-emendi ġew diskussi wkoll mal-Kamra tal-Inġiniera. Fil-fatt, illum għandna magħna l-President tal-Kamra tal-Inġiniera u l-predeċessur tiegħu. Ġara li fis-snin reċenti twaqqfet union li wkoll tirrappreżenta lill-inġiniera. Jiġifieri apparti l-Kamra tal-Inġiniera, twaqqfet union oħra fil-pajjiż li tirrappreżenta lill-inġiniera  u dawn għamlu numru ta' osservazzjonijiet. Il-Gvern ħa nota ta' dak li qegħdin jissottomettu, imma kif għidt, imbagħad il-Gvern jiddeċiedi. U l-Gvern mhuwiex il-Ministru. Jiġifieri din mhijiex reazzjoni ta' Ministru imma saret ħidma interministerjali biex nittrasponu d-Direttiva li ġiet illeġiżlata mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fuq proposta tal-Kummissjoni Ewropea fis-snin passati."*

17. Waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju, 2023, sar il-kontro-eżami ta' **Arthur Ciantar**[21], li qal li l-MAPE kienet ilha li ġiet stabbilita ħames snin, u qal li hu ilu President ta' din  il-*union* għal dan iż-żmien kollu. Ir-rikorrent ikkonferma li l-mandat ta' inibizzjoni sar kontra l-*Engineering Profession Board,* u dak iż-żmien dan il-Bord kien il-*consulting body* fuq din il-kwistjoni. Qal li huwa mhuwiex membru tal-Kamra tal-Inġiniera, imma minkejja dan huwa xorta waħda kien attenda għal żewġ laqgħat li saru mill-Kamra tal-Inġiniera. Qal li f'dik il-laqgħa

[21] *A fol.* 424 tal-proċess.

huwa kien voċiferu kontra l-emendi li kienu ġew proposti oriġinarjament. Spjega li l-protesti dwar l-emendi li kienu ġew proposti oriġinarjament ma sarux b'mod superfluwu, u semma li per eżempju huwa xtaq li jiġi ppreċiżat b'liema lingwa ser issir il-komunikazzjoni fuq il-lantijiet tax-xogħol, b'liema mod jingħataw il-*warrants* l-inġiniera, kif ukoll wera dispjaċir tiegħu għall-fatt li kien hemm proposta li titneħħa d-definizzjoni ta' min hu jew x'inhu 'inġinier' fil-liġi. Qal ukoll li huwa ma setax jirreaġixxi għall-abbozz il-ġdid, għaliex huwa sar jaf bih wara li ġie intavolat fuq il-Mejda tal-Kamra, imma minkejja dan huwa xorta waħda ta l-veduti tiegħu. Qal li l-Gvern Malti kellu l-obbligu li jikkonsulta qabel jintroduċi dawn l-emendi leġislattivi. Ix-xhud ikkonferma li l-MAPE kienet infurmat lill-Ministru Borg u lill-Kap tal-Oppożizzjoni li hija ma kinitx ser tattendi l-laqgħa li kellha ssir fil-5 ta' Lulju, 2021, u qal li dan sar wara li l-MAPE ħadet parir legali li jekk tipparteċipa f'dawn il-laqgħat, kienet ser tippreġudika l-pożizzjoni tagħha ladarba kienet hi li talbet il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni. Qal li huwa stenna li l-Ministru josserva l-ordni tal-Qorti meta ntlaqa' l-mandat mitlub mill-MAPE. Ix-xhud qal li bl-emendi proposti infetħu bosta *loopholes* li individwu jista' jgħaddi minnhom sabiex jeżerċita l-professjoni ta' inġinier f'Malta, partikolarment għal persuni li ma jkunux ikkwalifikati akkademikament. Ix-xhud qal li anki qabel saret il-proċedura tal-mandat ta' inibizzjoni, kienu saru tentattivi sabiex ikun hemm diskussjoni mal-Bord, iżda għal xi raġuni l-Bord dejjem għalaq il-bibien għall-MAPE. Allega wkoll li ċ-Chairman tal-Bord naqas milli jagħti informazzjoni dettaljata lill-persuni kollha interessati, u ma saret l-ebda konsultazzjoni fl-ispirtu tal-*Proportionality Test Directive.*

18. Permezz ta' nota ppreżentata fis-7 ta' Lulju, 2023, l-intimati l-Avukat tal-Istat *et* ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Lucienne Meilak**[22], Direttur (Żvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programm) fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, li kienet ilha f'din il-kariga mill-2015, għalkemm kienet ilha Direttur mill-2004. Spjegat li fit-18 ta' Ġunju, 2015, il-Kummissjoni Ewropea inizjat *formal infringement proceedings* (INFR(2015)2058) permezz ta' avviż lill-Gvern ta' Malta permezz tar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fl-Unjoni Ewropea (PREU), li għaddietu lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin, u li sussegwentement intbagħat lilha għaliex dawn il-proċeduri jikkonċernaw ksur ta' liġijiet u Direttivi Ewropej relatati mal-liġi tal-professjonijiet tal-Periti u l-Inġiniera. Qalet li hija qatt ma kellha kuntatt dirett mal-Kummissjoni, iżda dejjem ikkomunikat mal-PREU. Kompliet tgħid li flimkien mal-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera u l-Kamra tal-Inġiniera kien qiegħed isir xogħol sabiex tiġi abbozzata l-liġi l-ġdida. Qalet ukoll li fil-25 ta' Mejju, 2017 kienet saret il-Konferenza Annwali tal-Kamra tal-Inġiniera li kienet miftuħa għall-inġiniera kollha, u hija kienet mistiedna sabiex tagħti spjegazzjoni wara li nqalgħet il-ħtieġa li l-liġi tiġi emendata. Qalet li hija tiftakar li fuq quddiem kien hemm ir-rikorrent l-Inġ. Ciantar. Qalet li f'Jannar tal-2019, kien ġie ingaġġat Dr Simon Cachia sabiex ikompli jaħdem fuq dawn l-emendi, u hija kienet għaddietlu l-abbozz li kellha dak iż-żmien. Qalet li minn dak il-punt 'il quddiem hija kienet involuta biss fil-komunikazzjoni tramite s-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea biex il-Kummissjoni tinżamm infurmata fuq il-progress tal-liġi, u biex tara jekk l-emendi proposti kinux qegħdin jindirizzaw l-allegat ksur tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Ix-xhud spjegat li f'Lulju tal-2020, hija rċeviet abbozz tal-emendi mingħand il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera kif maqbula mal-

22 *A fol.* 439 tal-proċess.

Kamra tal-Inġiniera, u hija kienet għamlet xi suġġerimenti, u reġgħet bagħtet l-abbozz lil Dr Noel Camilleri għan-nom tal-Bord. Qalet li fis-7 t'Awwissu, 2020, hija ġiet infurmata minn Dr Camilleri li l-Bord bi qbil mal-Kamra tal-Inġiniera, kien aċċetta bosta mis-suġġerimenti tagħha u ta' Dr Gaynor Saliba, li hija l-Kap tat-Taqsima Legali fis-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea, u l-abbozz ġie emendat biex jirrifletti dawn l-emendi bi qbil mal-Kamra tal-Inġiniera. Ix-xhud kompliet tgħid li f'Awwissu tal-2020, wara li l-abbozz ġie kkonsolidat, dan intbagħat lill-Kummissjoni Ewropea, u fil-frattemp beda x-xogħol biex jiġi ppreżentat lill-Kabinett hekk kif tingħata l-konferma mill-Kummissjoni. Qalet li f'Novembru tal-2020, is-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea rċieva xi kummenti dwar dan l-abbozz, u fis-17 ta' Frar, 2021 hija bagħtet *email* lill-Inġinier Micallef u lill-Inġinier Malcolm Zammit, President u Segretarju tal-Kamra tal-Inġiniera, bl-abbozz finali kif ippreżentat fil-Parlament. Qalet li dawn kienu bagħtu xi kummenti, u reġa' sar tibdil għal dak l-abbozz. Ix-xhud qalet li fl-istadju ta' Kumitat, hija kienet preżenti flimkien mas-Segretarju Permanenti Joseph Caruana, fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea, u l-Ministru Ian Borg u fil-preżenza wkoll ta' rappreżentant tal-Oppożizzjoni u l-President u s-Segretarju tal-Kamra tal-Inġiniera. Qalet li għal din il-laqgħa tal-Kumitat Parlamentari, kienu mistiedna li jattendu rappreżentanti tal-MAPE, iżda li dawn baqgħu ma marrux għal-laqgħa. Qalet li l-liġi daħlet fis-seħħ f'Lulju 2021, filwaqt li fit-2 ta' Diċembru, 2021 il-Kummissjoni għalqet il-każ kontra Malta. Qalet li dan ifisser li l-abbozz indirizza l-allegati nuqqasijiet li kien hemm fil-liġi Maltija qabel ma saru l-emendi leġislattivi, u għalhekk il-proċess tal-emendi u l-emendi infushom huma konformi mal-liġi Ewropea.

19. Permezz ta' nota ppreżentata fit-2 t'Awwissu, 2023, l-intimati l-Avukat tal-Istat *et* ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Dr Noel Camilleri**, *Chairperson* tal-Bord

tal-Inġiniera[23], li spjega li huwa ġie maħtur bħala *Chairperson* tal-Bord f'Ottubru tal-2017. Qal li dak iż-żmien, il-Bord kellu żewġ kwistjonijiet li kienu ilhom pendenti, jiġifieri (i) l-emendi fil-liġi minħabba li fl-2015 il-Kummissjoni Ewropea kienet bagħtet *formal infringement notice* dwar il-Liġi tal-Inġiniera; u (ii) il-kwistjoni dwar il-korsijiet fl-MCAST. Qal li l-Bord kien ġie mgħarraf li n-*notice* dwar l-*infringement proceedings* kienet saret sabiex il-liġi tiġi emendata ħalli ma tibqax restrittiva, u kienu qegħdin jiġu proposti l-emendi f'dan is-sens sabiex ikun hemm konformità mad-Direttiva Ewropea dwar is-Servizzi (2006/123/KE). Qal li x-xogħol fuq il-liġi kien beda qabel ma huwa nħatar *Chairperson* tal-Bord, u wara perijodu qasir, il-Bord reġa' beda jaħdem fuq l-emendi b'konsultazzjoni regolari u kostanti mal-professjoni permezz tal-Kamra tal-Inġiniera li tirrappreżenta l-professjoni. Qal li fl-2019 kien ġie ingaġġat Dr Simon Cachia sabiex ikompli jaħdem fuq l-emendi fil-liġi, inklużi dawk li kienu diġà saru. Qal li l-Bord baqa' jaħdem fuq l-emendi fil-liġi b'laqgħat regolari b'konsultazzjoni mal-professjoni permezz tal-Kamra tal-Inġiniera li tirrappreżenta l-professjoni kollha. Qal li l-Bord kien ġie infurmat kemm mill-Kamra kif ukoll minn membri eletti fuq il-Bord, li l-istess Kamra tal-Inġiniera kienet organizzat laqgħa għall-membri tal-professjoni kollha sabiex tispjegalhom x'kien qiegħed jiġi propost fl-emendi. Qal li matul is-sena 2019, il-Bord irċieva ittra mingħand il-*Malta Association of Professional Engineers* (MAPE), li talbet laqgħa mal-Bord dwar l-emendi fil-liġi u l-proċess tal-MCAST. Qal li din il-laqgħa saret għall-ħabta ta' Ottubru/Novembru 2019, u kienet laqgħa kordjali, tant hu hekk li kien hemm qbil li d-dokumentazzjoni dwar il-proċess tal-emendi fil-liġi, inkluż il-kummenti tal-Kummissjoni Ewropea, li kienu għadhom mhumiex finali, il-Bord talab li jibqgħu kunfidenzjali. Qal li minkejja dan, ma nżammitx il-kunfidenzjalità mill-

[23] *A fol.* 442 tal-proċess.

MAPE għaliex din poġġiet dawn id-dokumenti fuq il-mezzi soċjali. Qal ukoll li l-proċess tal-emendi fil-liġi baqa' għaddej sa Awwissu 2020, fejn il-Bord baqa' jiddiskuti b'mod regolari mal-Kamra tal-Inġiniera in rappreżentanza tal-professjoni. Spjega li kienet il-Kamra li kienet tressaq suġġerimenti dwar emendi fil-liġi, li wara kienu jiġu diskussi fil-Bord, u wara qbil dwar l-emendi, kien jibgħathom lil Lucienne Meilak, id-Direttriċi responsabbli sabiex dawn jiġu mgħoddija lill-Kummissjoni Ewropea ħalli din tara jekk l-emendi proposti humiex aċċettabbli jew le. Qal li ġieli kien hemm drabi fejn il-Kummissjoni reġgħet bagħtet lura l-kummenti jew l-emendi li jkunu ġew suġġeriti lill-Bord, għaliex ma jkunx hemm qbil mill-Kummissjoni Ewropea dwar xi kliem jew diċitura wżata fl-abbozz. Qal li f'Lulju, 2020, il-Kamra tal-Inġiniera u l-Bord qablu fuq l-abbozz sħiħ, u l-Bord għadda dan l-abbozz lil Ms. Meilak li bagħtitu lura bis-suġġerimenti tagħha u ta' Dr Gaynor Saliba, Kap tas-Segretarjat tal-Unjoni Ewropea. Qal li dawn l-aħħar emendi u suġġerimenti li saru, reġgħu ġew diskussi fil-Bord u mal-professjoni permezz tal-Kamra tal-Inġiniera, u finalment kien hemm qbil dwar l-abbozz finali. Qal li dan intbagħat mill-ġdid lil Ms. Meilak sabiex tara jekk dan l-abbozz finali kienx aċċettabbli għall-Kummissjoni jew le. Qal li l-Bord wara Awwissu 2020, ma rċieva l-ebda kumment dwar l-abbozz finali, la mingħand Ms. Meilak, u lanqas mill-Kummissjoni, u ma kien involut f'xejn aktar li għandu x'jaqsam ma' dan l-abbozz. Qal li ladarba wara Awwissu 2020, il-Bord ma rċieva xejn mingħand Ms. Meilak, il-Bord fehem li l-abbozz finali kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea, u minn dakinhar, il-Bord ma kellu l-ebda involviment ieħor fir-rigward ta' dawn l-emendi. Iżda sar jaf li f'Lulju 2021, l-abbozz ta' liġi li kien intbagħat mill-Bord f'Awwissu 2020, ġie approvat mill-Parlament.

20. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Ottubru, 2023, xehed **l-Inġinier Malcolm**

**Zammit**[24]**,** prodott mill-intimati l-Avukat tal-Istat *et*, li qal li huwa kiseb il-*warrant* ta' inġinier fis-sena 2018, u ilu membru tal-Kamra tal-Inġiniera mill-2010, għaliex oriġinarjament kien daħal membru tal-Kamra bħala student. Qal li fil-preżent huwa jokkupa l-kariga ta' President tal-Kamra, li għandha 432 membru *paid-up,* u 575 membru li mhux neċessarjament iħallsu l-miżata dovuta. Qal li b'kollox f'Malta hawn 1,648 inġinier bil-*warrant.* Spjega li l-Kamra tal-Inġiniera hija organizzazzjoni awtonoma li hija rreġistrata bħala *voluntary organisation* mal-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji, u din twaqqfet bl-għan li tirrappreżenta l-inġiniera f'Malta u tħares l-interessi tal-professjoni. Spjega li l-Kamra hija wkoll rikonoxxuta u msemmija fl-artikolu 18 tal-Att dwar l-Inġiniera. Ix-xhud qal li l-Kamra serviet bħala pont bejn ir-regolatur, il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija, u l-membri tal-professjoni, bl-ewwel involviment ikun id-diversi laqgħat li saru li għalihom attendew diversi inġiniera, fejn fl-ewwel laqgħa ġie spjegat lill-membri li l-liġi kienet ser tiġi riveduta mal-Kummissjoni Ewropea, jsiru ċerti emendi biex jiġu indirizzati d-Direttivi, is-*Services Directive* u r-*Recognition of Mutual Qualifications Directive,* fid-dawl ta' proċeduri ta' *infringement* li kien hemm kontra l-pajjiż. Qal li fil-laqgħa ta' wara, il-Kamra infurmat lill-membri li kienet irċeviet abbozz mingħand il-Bord, u kienu identifikaw dawk l-emendi li l-Kamra ma kinitx qiegħda taqbel magħhom. Qal li kienet saret komunikazzjoni mal-Bord anki fuq dan in-nuqqas ta' qbil li kien hemm dwar l-abbozz. Qal li fil-15 ta' Novembru, 2019, il-Kamra organizzat seminar konsultattiv, dwar l-emendi għal-liġi, fejn il-membri preżenti ddeċidew li l-inġiniera ma kinux qegħdin jaqblu ma' dawn l-emendi. Qal li kien sar seminar konsultattiv li kien possibbli biss għaliex il-Bord fetaħ il-konsultazzjoni. Qal li wara proċess ta' konsultazzjoni miftuħ mill-Kamra, il-membri tal-professjoni

[24] *A fol.* 446 tal-proċess.

ntalbu jattendu *extraordinary general meeting,* fejn qablu ma' diversi emendi, li fil-prinċipju l-Kamra kellha l-mandat li tara li l-Bord jimplimenta bħala regolatur. Qal li l-Kamra kienet taf x'jgħidu d-Direttivi Ewropej, iżda riedet tara li l-interessi tal-professjoni jiġu salvagwardjati. Qal li fil-fatt kien hemm komunikazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea, u l-argument ewlieni tagħhom kemm mal-Bord tal-Professjoni kif ukoll mad-Direttorat Ġenerali, kien li l-*warrant* ta' inġinier huwa maħsub biex jissalvagwardja l-interessi tal-pubbliku, u l-*warrant* huwa kruċjali għas-saħħa u s-sigurtà fl-oqsma kollha tal-ħajja. Qal li r-rekwiżiti meħtieġa biex individwu jingħata *warrant* ta' inġinier ma nbidlux, iżda ġie ċċarat il-mekkaniżmu ta' aċċess. Qal li l-konsultazzjoni li saret kienet miftuħa kemm għall-membri li jħallsu miżata kif ukoll għal dawk li ma jħallsux, iżda li xorta waħda huma membri tal-professjoni, u qal li kien hemm diversi punti li dwarhom ma kienx hemm qbil mal-awtoritajiet. Qal li l-Kamra għażlet, bi qbil mal-membri tagħha, li tipparteċipa fid-diskussjonijiet, u dan sabiex l-emendi proposti minnha jiġu implimentati. Qal li l-Kamra tkellmet ukoll mal-Kummissjoni Ewropea sabiex Malta ma tkunx iżolata f'din is-sitwazzjoni. Ix-xhud qal li l-Kamra talbet sabiex id-definizzjoni ta' 'inġinier' tkun marbuta direttament mal-*warrant* tal-professjoni, li d-definizzjoni ta' 'servizzi tal-inġinerija' ma tinbidilx, u li din id-definizzjoni tidħol fl-Att prinċipali u ma tibqax biss tifforma parti mil-liġi sussidjarja, u t-termini '*engineering services'* u *'reserved activities'* jibqgħu marbutin mal-*warrant,* u dan sabiex l-inġinier bħala professjonist ikun jista' jagħmel xogħol ta' ċertifikazzjoni. Ix-xhud qal li qabel ġie approvat l-abbozz li daħħal dawn l-emendi fil-liġi, kienu saru diversi laqgħat, kienu jintbagħtu ċirkolari lill-membri, kienu jiġu ppubblikati stqarrijiet fuq il-*website,* li hija wkoll miftuħa għall-pubbliku, u kien ikun hemm anki stqarrijiet ippubblikati fuq il-mezzi soċjali. Qal li dawn il-laqgħat kienu miftuħa anki għal min mhux membru tal-Kamra, iżda meta jittieħed vot, min mhux membru ma

kienx jitħalla jivvota. Qal li l-MAPE kienet tattendi għal dawn il-laqgħat u l-membri tagħha kienu jitħallew jesprimu ruħhom, u l-oġġezzjonijiet imqajma minnhom kienu jitniżżlu fil-minuti bħala rimarki. Qal li l-Kamra sservi bħala pont bejn ir-regolatur u l-professjoni, u l-inġiniera setgħu jattendu sabiex jesprimu ruħhom, u anki sabiex tara li l-konsultazzjoni tinżamm miftuħa mal-Bord. Ix-xhud qal li minkejja li ċ-ċirkolari bl-avviż dwar il-laqgħat kienet tintbagħat lill-membri tal-Kamra biss, l-istqarrijiet bid-dettalji dwar dawn il-laqgħat kienu jittellgħu fuq is-siti soċjali, u kienu miftuħa għall-pubbliku. Waqt ix-xhieda tiegħu, l-Inġinier Malcolm Zammit ippreżenta numru ta' dokumenti, fosthom l-ittra li permezz tagħha ġie msejjaħ *Extraordinary General Meeting*[25], kopja tal-korrispondenza li ntbagħtet mill-Kamra tal-Inġiniera sabiex tinforma lill-membri tagħha u lill-pubbliku in ġenerali b'laqgħa li kienet ser issir sabiex tinforma dwar l-emendi proposti[26], u korrispondenza li l-Kamra bagħtet lill-membri tagħha bil-pożizzjoni tagħha fid-dawl tal-emendi proposti.[27]

21. Waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru, 2023 reġa' xehed l-**Inġinier Malcolm Zammit**[28] prodott mill-intimati l-Avukat tal-Istat *et*, li qal li fil-laqgħat li kienu jsiru, il-Kamra kienet tevalwa t-tħassib espress mill-membri tal-professjoni preżenti, u kienet tagħmel il-proposti tagħha. Qal li kien hemm laqgħat fejn saru xi proposti għall-evalwazzjoni tal-Bord. Ix-xhud qal li kienu qegħdin isiru diversi dibattiti anki fuq siti tal-mezzi soċjali, u l-Kamra dehrilha li kellha tagħmel numru ta' kjarifiki dwar x'kien qiegħed isir b'din il-liġi sabiex fejn kien hemm inċertezzi jiġu ċċarati. Qal li meta l-emendi bdew jiġu diskussi fil-Parlament, il-Kamra tal-Inġiniera talbet li tkun preżenti, u fil-fatt ipparteċipat fl-

---

[25] *A fol.* 459 tal-proċess.
[26] *A fol.* 463 tal-proċess.
[27] *A fol.* 477 tal-proċess.
[28] *A fol.* 480 tal-proċess.

istadju ta' Kumitat, fejn tħalliet tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Ix-xhud qal li l-ebda rappreżentant tal-MAPE ma kien preżenti għal dawn il-laqgħat li saru fil-bini tal-Parlament. Qal li meta l-liġi għaddiet mill-Parlament, din għaddiet bl-emendi kollha mitluba mill-Kamra tal-Inġiniera, u fil-fatt it-tħassib imqajjem ġie indirizzat ukoll. Ix-xhud qal li l-membri tal-Kamra kollha ġew aġġornati b'dak li kien għaddej, sabiex jiġi assigurat li l-proċess ma jsir minn wara dahar ħadd, u fil-fatt il-membri ġew infurmati f'kull stadju tal-qari tal-abbozz.

22. Permezz ta' nota ppreżentata fil-11 ta' Marzu, 2024[29], l-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati ppreżenta diversi dokumenti li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati in konnessjoni mal-ilmenti tar-rikorrent *nomine* dwar l-'Bill number 205 entitled 'the Engineering Profession (Amendment) Act of 2021'', fosthom id-dokument imiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-seduta numru 441 tas-16 ta' Marzu, 2021 mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali[30]; id-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-seduta numru 441 tas-16 ta' Marzu, 2021 mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali[31]; id-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-seduta numru 441 tas-16 ta' Marzu, 2021 mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali[32]; id-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-seduta numru 468 tal-1 ta' Ġunju, 2021 mill-Onor. Toni Bezzina[33]; u d-dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati waqt is-seduta tal-1 ta' Ġunju, 2021 mill-istess Onor. Toni Bezzina.[34]

[29] *A fol.* 523 tal-proċess.
[30] *A fol.* 525 tal-proċess.
[31] *A fol.* 527 tal-proċess.
[32] *A fol.* 530 tal-proċess.
[33] *A fol.* 533 tal-proċess.
[34] *A fol.* 540 tal-proċess.

23. L-intimati l-Avukat tal-Istat et ppreżentaw nota fit-12 ta' April, 2024, bl-*affidavit* ta' **Philip Vella**[35], li xehed li huwa kien wieħed mill-uffiċjali pubbliċi li kellu x'jaqsam mal-proċeduri ta' ksur tad-Direttivi u tar-Regolamenti Ewropej numru 2015/2058 mibdija mill-Kummissjoni Ewropea kontra Malta. Qal li bejn Frar 2014 u Awwissu 2020, huwa kien il-koordinatur sabiex tiġi implimenta s-*Services Directive 123/2006/EC,* u dak iż-żmien il-kariga tiegħu fiċ-Ċivil kienet ta' *Research Analysis Manager-II* fid-Direttorat tal-Affarijiet Ewropej fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Impriżi Żgħar. Qal li l-ksur tar-regolamenti kien l-aktar fir-rigward ta' żewġ professjonijiet regolati, dik tal-Periti u dik tal-Inġiniera, u fl-avviż tal-ksur tar-regolamenti, il-Kummissjoni Ewropea indikat diversi elementi li kienu bi ksur tal-liġi Ewropea, fis-sens li kienu restrittivi, u għalhekk sabiex jiġu evitati proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Malta kellha bilfors temenda jew tirrevedi kemm il-liġi tal-Periti kif ukoll il-liġi tal-Inġiniera sabiex tkun konformi mar-Regolamenti u d-Direttivi Ewropej, u ma jibqgħux aktar restrittivi. Qal li l-proċess kien wieħed kumpless u li jinvolvi ħafna ħin u riżorsi, u l-awtoritajiet kompetenti pproċedew sabiex jiġu indirizzati l-oġġezzjonijiet u r-rimarki li tqajmu mill-Kummissjoni Ewropea li kellhom bżonn tibdil sostanzjali fil-liġijiet eżistenti, u li kellhom bżonn l-approvazzjoni finali tal-Parlament sabiex jiġu konformi mar-Regolamenti u d-Direttivi Ewropej. Ix-xhud spjega li oriġinarjament Malta bagħtet sottomissjonijiet formali bil-miktub lill-Kummissjoni, li mbagħad ġie segwit minn proċess twil fejn kull ksur imqajjem mill-Kummissjoni Ewropea kellu jiġi sostanzjat bi proposti ġodda minn Malta sabiex jiġu emendati u aġġornati l-liġijiet li dwarhom kien hemm il-proċedura ta' ksur. Qal li kull proposta ta' tibdil fil-liġi kienet suġġetta għall-approvazzjoni

[35] *A fol.* 558 tal-proċess.

tal-Kummissjoni, u ħafna drabi l-proċess twal ħafna għaliex il-Kummissjoni baqgħet titlob aktar kjarifiki fuq kliem li kien qiegħed jintuża u t-tifsir tagħhom. Spjega li dan ħoloq aktar diffikultajiet, għaliex minflok ma l-proċess qsar, dan kompla jitwal bil-pendenzi jiżdiedu għaliex il-Kummissjoni ma kinitx tirreġistra qbil mat-terminoloġija jew mat-tifsira wżata. Qal li matul il-proċess kollu, għaddew għadd konsiderevoli ta' risposti formali, skambji kontinwi bejn il-Kummissjoni u Malta li kienu jsiru b'mezzi elettroniċi, *online meetings,* telefonati, u anke laqgħat ġewwa Brussell. Qal li tul dan il-perijodu, kienu involuti d-Direttorat responsabbli mill-implimentazzjoni tal-*Policy* u Regolamenti mmexxija minn Ms. Lucienne Meilak, il-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera u l-Kamra tal-Inġiniera, bl-involviment ta' uffiċjali minn Dar Malta jew mir-Rappreżentanza Permanenti għall-Unjoni Ewropea u s-Segretarja tar-Relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea f'Malta. Ix-xhud qal li wara ħafna żmien, iż-żewġ liġijiet għaddew minn proċess fejn kien hemm reviżjoni sostanzjali tad-dispożizzjonijiet tal-liġi, sakemm dawn daħlu fis-seħħ bl-approvazzjoni tal-Parlament Malti. Qal li meta wieħed jara l-komplessità tal-problemi li qajmet il-Kummissjoni, iż-żmien li għadda minn meta nfetħu l-proċeduri uffiċjali ta' ksur, kien proprju minħabba dawn l-emendi leġislattivi l-ġodda, li Malta evitat li l-proċeduri mill-Kummissjoni jeskalaw bi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Qal li peress li l-emendi leġislattivi kienu jassiguraw li l-aċċess għal jew l-eżerċitar tal-professjonijiet regolati ma jibqax ristrett, iżda jkun ferm aktar miftuħ, dejjem skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Unjoni Ewropea, ma kienx hemm bżonn li ssir konsultazzjoni pubblika, u dan skont kif jgħid l-artikolu 7(2) tal-Kap. 612 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li kien biss wara li aċċertat ruħha li l-proċess kollu ta' reviżjoni tal-liġijiet, inkluż tal-*Engineering Profession Act* kif jitolbu r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, li l-Kummissjoni Ewropea approvat li l-liġi tgħaddi mill-Parlament Malti, u kien biss wara l-

approvazzjoni mill-Parlament Malti li l-Kummissjoni Ewropea neħħiet il-proċedura ta' ksur li kienet qiegħda tiffaċċja Malta. Ix-xhud qal li jekk wieħed kellu jagħmel riċerka dwar '*Infringement Number (INFR(2015)2058)'* ta' Malta, mill-ewwel jirriżulta li fit-2 ta' Diċembru, 2021, ingħatat deċiżjoni dwar '*[n]on-conformity with the Services Directive 2006/123/EC of Maltese rules on legal form, shareholding, tariff requirements and multidisciplinary activities',* u l-każ kontra Malta ngħalaq.

**Konsiderazzjonijiet legali**

24. Din il-Qorti qabel tibda bl-istħarriġ tagħha fil-mertu tal-lanjanzi mressqa mir-rikorrent, fl-ewwel lok sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati. Il-lanjanza prinċipali tar-rikorrent *nomine* hija li fit-23 ta' Lulju, 2021 ġie *in vigore* l-Att XLVIII tal-2021 li emenda l-Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar l-Inġiniera), mingħajr ma l-Parlament segwa l-proċeduri u l-provvedimenti statutorji mandatorji rikjesti għall-validità tal-Att, fosthom għaliex ma sarux il-konsultazzjonijiet imposti kemm mill-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mil-liġi tal-Unjoni Ewropea. L-intimat *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati eċċepixxa li huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, stante li huwa mhuwiex rappreżentant tal-Gvern, u lanqas m'huwa rappreżentant tal-Kamra tad-Deputati fejn sar id-dibattitu parlamentari dwar l-emendi għal-liġi li qegħdin jiġu kkontestati mir-rikorrent *nomine*. Fis-sistema parlamentari tagħna, ir-rwol ewlieni tal-i*Speaker* tal-Kamra tad-Dputati huwa li jassigura li tinżamm l-ordni fil-Kamra tad-Deputati u li jiġu segwiti l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, kif ukoll li jara li l-Membri tal-Kamra jsegwu l-proċeduri korretti. Il-Qorti tqis li safejn l-ilment tar-rikorrent huwa dwar mandat ta' inibizzjoni li għadu fis-seħħ, li skont ir-rikorrent *nomine* kellu jwaqqaf kull diskussjoni fil-Kamra tad-Deputati

dwar l-emendi leġislattivi li daħlu fis-seħħ bl-Att XLVIII tal-2021, ikun ġust u korrett li l-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati jkun wieħed mill-intimati fil-proċeduri li qegħdin jiġu ttentati mir-rikorrent *nomine*. L-i*Speaker* fis-sistema parlamentari ta' Malta għandu r-rwol li jiżgura li tiġi segwita l-proċedura korretta mid-deputati parlamentari, u għalhekk ladarba fil-proċeduri kostituzzjonali odjerni qiegħed jiġi allegat mir-rikorrent *nomine* li l-Kamra tad-Deputati naqset milli ssegwi l-proċedura korretta, jew saħansitra li din sfidat ordni tal-Qorti meta ġew imressqa l-emendi leġislattivi in kwistjoni għad-diskussjoni u għall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati, l-i*Speaker* tal-Kamra għandu jitqies li huwa leġittimu kontradittur fil-proċeduri odjerni. Dan qiegħed jingħad b'riferiment għall-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-i*Speaker*, u bl-ebda mod m'huwa qiegħed jingħad li r-rikorrent *nomine* huwa neċessarjament korrett fil-mertu bil-pożizzjoni li qiegħed jieħu. Il-Qorti għalhekk mhijiex sejra tilqa' t-talba tal-i*Speaker* sabiex jiġi meħlus mill-mill-osservanza tal-ġudizzju.

25. B'riferiment għat-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat l-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati, li l-Parlament huwa sovran u li ħadd ma jista' jindaħallu fil-mod kif jeżerċita l-funzjoni leġislattiva tiegħu ħlief kif stipulat mill-Kostituzzjoni, il-Qorti tosserva li filwaqt li fil-prinċipju dan huwa korrett, ladarba r-rikorrent *nomine* qiegħed jilmenta li l-Parlament naqas fit-twettiq tal-funzjoni leġislattiva tiegħu milli josserva ordni tal-Qorti, hemm lok li titressaq l-azzjoni odjerna, sabiex jiġi assigurat rispett sħiħ lejn il-liġi, lejn il-proċedura parlamentari u lejn l-ordnijiet li l-Qrati jistgħu jagħtu minn żmien għal żmien. Ikun żball li jingħad, jew li jiġi preżunt, li hemm xi forma ta' ġerarkija fl-istituzzjonijiet f'pajjiżna u li hemm xi istituzzjoni li hija 'il fuq mil-liġi għaliex tgawdi awtonomija assoluta fil-mod kif tmexxi l-affarijiet tagħha. Għaldaqstant il-Qorti tħoss il-ħtieġa li tikkwalifika dak eċċepit mill-i*Speaker* permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu.

26. Min-naħa l-oħra, l-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u dan *ai termini* ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, il-Ministru Ian Borg, u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali lkoll eċċepew li huma mhumiex leġittimi kontradtturi f'dawn il-proċeduri, partikolarment in vista tal-fatt li l-Bord tal-Inġiniera llum il-ġurnata jaqa' taħt Ministeru differenti.

L-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> "(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:
>
> Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:
> (a) Kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;
> (b) Kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impjieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;
> (c) Kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.
>
> (2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

27. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *vs.* Jason Azzopardi** mogħtija fil-5 t'Ottubru, 2001 mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) ingħad illi:

> *"Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konklużjoni li l-konvenut – dikjarat* prima facie *leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.*
>
> *"Konsidrata f'dawn it-termini, is-sentenza preliminari, li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-konvenut li hu ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-attur, tirriżulta waħda ġusta,*

*inkwantu l-fatti kif jirriżultaw fl-eżami limitat li l-ewwel Qorti neċessarjament kellha tagħmel, kienu pjenament jiġġustifikaw l-konklużjoni li l-konvenut appellant kellu għalxiex jirrispondi għat-talbiet attriċi billi dawn kienu adegwatament jistabilixxu li hu kien intrometta ruħu fin-negozju li minnu oriġinat l-azzjoni. Il-kontestazzjoni dwar l-import ta' dak in-negozju u sa fejn dan kien jitfa' xi responsabiltà fuq il-konvenut appellant, hu propju l-mertu tal-kawża li għad irid jiġi epurat u deċiż. F'dan ir-rigward il-jeddijiet ta' kull parti in kawża kienu u għadhom impreġudikati kif għadhom impreġudikati l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha avanzati mill-istess konvenut appellant li dwarhom l-ewwel Qorti għad trid tiddelibera".*

28. Huwa evidenti li fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, l-intimat Avukat tal-Istat għandu jiġi meqjus li huwa leġittimu kontradittur, partikolarment meta qiegħed jiġi eċċepit li l-ebda wieħed mis-Segretarji Permanenti mħarrka mir-rikorrent *nomine* m'huwa leġittimu kontradittur. Kemm il-Prim Ministru u anki s-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, għandhom jitqiesu li mhumiex leġittimi kontradittur fil-proċeduri odjerni. L-Onor. Ministru Ian Borg, li llum huwa Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin tat-Turiżmu, aktarx li ġie mħarrek għaliex fiż-żmien meta ġew ippromulgati l-emendi leġislattivi in kwistjoni, kien il-Ministru responsabbli mit-Trasport, mill-Infrastruttura u mill-Proġetti Kapitali, u anki il-Bord tal-Inġiniera kien jaqa' direttament taħt ir-responsabbiltà ministerjali tiegħu, għalkemm illum il-ġurnata dan il-Bord jaqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Ministeru differenti. Il-Qorti qiegħda tagħraf għalhekk lill-Ministru Ian Borg, ladarba kien huwa l-Ministru responsabbli li ressaq l-Att XLVIII tal-2021 għad-diskussjoni parlamentari, u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru li kien immexxi minnu, bħala leġittimi kontradittur fil-proċeduri odjerni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati rregolaw ruħhom fir-rigward tal-ħames eċċezzjoni tagħhom, permezz ta' liema talbu li tkun imsejħa fil-kawża l-Kamra tal-Inġiniera, fejn spjegaw li ladarba rappreżentanti tal-Kamra tal-Inġiniera taw depożizzjoni fit-tul f'dawn il-proċeduri, ma kienx hemm il-ħtieġa li dawn jissejħu fil-kawża.

29. Il-Qorti issa sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet sollevati fil-mertu mill-intimati. L-intimati l-Avukat tal-Istat *et* jgħidu li l-emendi leġislattivi ppromulgati permezz tal-Att XLVIII tal-2021, li emenda l-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija (Kap. 321 tal-Liġijiet ta' Malta) huma validi, stante li l-Parlament segwa bis-sħiħ il-proċeduri u l-provvedimenti mandatorji rikjesti għall-validità ta' dan l-Att. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li dawn l-emendi leġislattivi kienu meħtieġa għaliex il-Kummissjoni Ewropea istitwiet *infringement proceedings* kontra Malta, għaliex il-Kap. 321 qabel ġie emendat, kien qiegħed ifixkel il-provvista ta' servizzi tal-inġinerija fis-suq ħieles billi joħloq ostakli f'suq uniku miftuħ. Dan ġie kkonfermat mis-Segretarju Permanenti Christopher Cutajar, li fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, kkonferma li għal żmien twil, l-Kummissjoni Ewropea qieset li Malta kienet qiegħda tikser diversi dispożizzjonijiet tal-liġi u tad-Direttiva tas-Servizzi, billi d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 321 ma kienux konformi ma' din id-Direttiva. Dan ix-xhud spjega kif għal xhur sħaħ kien hemm korrispondenza bejn il-Kamra tal-Inġiniera u l-Kummissjoni Ewropea in konnessjoni mal-emendi leġislattivi meħtieġa, u spjega fid-dettall il-proċess li skatta qabel l-emendi proposti tressqu quddiem il-Parlament għad-diskussjoni.

30. L-Onorevoli Ministru Ian Borg, waqt id-depożizzjoni tiegħu stqarr li dawn l-emendi leġislattivi kienu meħtieġa sabiex issir it-traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Servizzi fil-liġi Maltija. Dan ix-xhud ikkonferma li l-MAPE kienet mistiedna sabiex tattendi għas-seduta parlamentari meta l-abbozz ta' liġi kien fl-istadju tal-Kumitat, imma l-MAPE kienet naqset milli tattendi għal din is-seduta. Ir-rikorrent Ing. Arthur Ciantar spjega li ma kienx attenda għall-imsemmija laqgħa għaliex kien hemm fis-seħħ l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni, u għaliex fil-fehma tiegħu kwalunkwe diskussjoni dwar l-emendi proposti kellha ssir biss

quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u fl-ebda forum jew istituzzjoni oħra. Il-Ministru Ian Borg qal ukoll li bħala l-Ministru responsabbli, huwa ħass li kellu jersaq quddiem il-Kummissjoni Ewropea bl-emendi proposti, u kkonferma li wara li ddaħħlu l-emendi leġislattivi li qegħdin jiġu kkontestati b'din l-azzjoni, l-*infringement procedures* kontra Malta twaqqfu mill-Kummissjoni. Il-Qorti kkunsidrat ukoll dak li qalet id-Direttur Lucienne Meilak, li f'xhieda dettaljata li tat, spjegat l-iter segwit qabel ġew introdotti l-imsemmija emendi fil-liġi, u l-kuntatt li kien hemm mal-Kummissjoni Ewropea wara li ġie kkonsolidat l-abbozz ta' liġi qabel l-emendi ġew ippreżentati lill-Kabinett għad-diskussjoni. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li kien fit-2 ta' Diċembru, 2021, li l-Kummissjoni Ewropea għalqet il-każ li fetħet kontra Malta, u dan għaliex l-abbozz indirizza l-allegati nuqqasijiet li kien hemm fil-liġi Maltija qabel saru l-emendi.

31. Xhud ieħor li tefa' dawl fuq x'kien li wassal għall-emendi leġislattivi li qegħdin jiġu kkontestati mir-rikorrent *nomine*, kien Dr Noel Camilleri, President tal-Bord tal-Inġiniera, li fid-depożizzjoni tiegħu kkonferma li saru diversi laqgħat u diskussjonijiet pubbliċi, li fihom ipparteċipa anki l-Inġ. Ciantar u l-MAPE, u dan wara konsultazzjoni li saret mal-Kamra tal-Inġiniera rigward l-emendi meħtieġa fil-liġi. Ir-rappreżentant tal-Kamra tal-Inġiniera, l-Inġ. Malcolm Zammit spjega li tant huwa minnu li saru konsultazzjonijiet, li għalihom attendiet anki l-MAPE, li kien ġie saħansitra msejjaħ *extraordinary general meeting* sabiex l-emendi jiġu diskussi u jittieħed vot dwarhom. Għaldaqstant, safejn ir-rikorrent *nomine* jittanta iqajjem dubji u jallega li f'dan il-każ ma saret l-ebda konsultazzjoni jew li l-konsultazzjoni li saret ma kinitx suffiċjenti, qabel iddaħħlu fis-seħħ l-emendi fil-liġi, il-lanjanza ewlenija tar-rikorrent *nomine* ma ġietx sostnuta. Dan għaliex mill-provi jirriżulta li qabel ma l-emendi in kwistjoni tressqu għad-diskussjoni quddiem il-Parlament, u sa mill-mument meta ġie deċiż li Malta għandha tkun

proattiva sabiex jiġu mwaqqfu l-*infringement procedures* mibdija kontra tagħha mill-Kummissjoni Ewropea, jirriżulta bl-aktar mod ċar li seħħ proċess ta' konsultazzjoni wiesgħa, bl-involviment tal-*istakeholders* kollha involuti.

32. B'riferiment għall-Att XXV tal-2020 dwar it-Test tal-Proporzjonalità li jsemmi r-rikorrent *nomine*, il-Qorti tirrileva li l-emendi ippromulgati bl-Att XLVIII tal-2021 bl-ebda mod ma jirrestringu l-aċċess għal professjonijiet li jeżistu diġà jew għal professjonijiet ġodda, u għalhekk il-konsultazzjoni mandatorja li tant jinsisti fuqha r-rikorrent jirriżulta li ma kien hemm l-ebda ħtieġa għaliha, anki għaliex minn qari tat-test tal-liġi, jirriżulta ċar li l-aċċess għall-professjoni tal-inġinerija bl-ebda mod ma ġie ristrett bl-introduzzjoni tal-emendi leġislattivi impunjati. Fi kwalunkwe każ għandu jirriżulta li saret konsultazzjoni wiegħsa li involviet lill-*istakeholders* kollha, u għalhekk anki hawnhekk, il-lanjanza ewlenija tar-rikorrent *nomine* f'dawn il-proċeduri ma ġewx sostnuti, għaliex dak ilmentat minnu mhuwiex sorrett mill-fatti kif seħħew. Din il-Qorti ma tistax tinjora lanqas ir-realtà fejn inħasset il-ħtieġa li jsiru l-emendi leġislattivi in kwistjoni, jiġifieri l-*infringement proceedings* li saru kontra Malta mill-Kummissjoni Ewropea, u r-riskju reali li jekk l-imsemmija emendi leġislattivi ma jsirux, jew issa li ġew ippromulgati jiġu ddikjarati nulli, il-Kummissjoni terġa' tistitwixxi mill-ġdid proċeduri ta' ksur kontra Malta.

33. Fl-aħħarnett, il-Qorti tagħmel riferiment għall-mandat ta' inibizzjoni maħruġ fuq talba tar-rikorrent *nomine* u tal-MAPE kontra l-Bord tal-Professjoni tal-Inġiniera, liema mandat intalab sabiex il-Bord jinżamm milli jirrilaxxa u/jew jippreżenta u/jew bi kwalunkwe mod jippromwovi l-emendi leġislattivi li l-Bord ħadem fuqhom fl-aħħar snin in konnessjoni mal-Att dwar il-Professjoni tal-Inġinerija. Huwa ċar mid-diċitura ta' dak mitlub, u minn dak deċiż mill-Qorti, li l-mandat ta' inibizzjoni intalab biss fil-konfront tal-Bord regolatur, u għalhekk

ma sar xejn li jammonta għal ksur tal-ordni tal-Qorti meta ġie mressaq l-abbozz in kwistjoni quddiem il-Kamra tad-Deputati sabiex eventwalment dawn ġew approvati. L-abbozz in kwistjoni tressaq mill-Ministru responsabbli sabiex jiġi żgurat li l-*infringement proceedings* kontra Malta jieqfu. Il-Qorti tosserva li f'każ li Malta tonqos milli tikkonforma mal-obbligi imposti fuqha bid-Direttiva tas-Servizzi, il-konsegwenza kienet ser tkun li l-Kummissjoni Ewropea tibda jew tkompli bl-*infringement proceedings* kontra Malta. Fi kwalunkwe każ il-Qorti baqgħet mhux konvinta li l-fatt li tressaq l-abbozz ta' liġi in kwistjoni għad-dibattitu parlamentari, wara li kienu saru konsultazzjonijiet wiesgħa f'diversi livelli, fuq medda ta' xhur jekk mhux snin, jammonta għall-ksur ilmentat mir-rikorrent *nomine*, jew għal sitwazzjoni fejn il-Parlament jista' jitqies li naqas milli josserva l-proċeduri u l-obbligi mandatorji tal-proċess leġislattiv, jew mingħajr ma seħħ proċess konsultattiv validu, non-diskriminatorju, neċessarju u proporzjonali kif jilmenta r-rikorrent *nomine*, u għalhekk tqis li t-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet imressqa mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati. Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa minnu safejn kompatibbli ma' din id-deċiżjoni;**
2) **Tilqa' t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimati Avukat tal-Istat *et*. Tiċħad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati Avukat tal-Istat *et*;**
3) **Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat *et* stante li din ġiet irtirata;**

4) **Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha mressqa mill-intimati Avukat tal-Istat *et*;**
5) **Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent stante li mill-provi prodotti, bl-ebda mod ma jirriżulta li dak ilmentat minnu ġie ippruvat, u għalhekk il-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrent *nomine* sabiex tiddikjara li l-Att XLVIII tal-2021 għandu jiġi ddikjarat null u bla effett.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent *nomine*.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**